PARLAMENT TA' MALTA

Mistoqsijiet Parlamentari

Parlament Leġiżlatura XV

Seduta Numru 33

It-Tnejn, 9 ta' Novembru, 2026 fl-4:00 p.m.

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI

MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U L-FAMILJA – KAŻ TA' INDIVIDWU – ĦATRIET

3249. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament kienx appuntat f'bordijiet u kumitati fid-dekasteru li għalih hu responsabbli fid-29 ta' Mejju 2026? Jista' jgħid ukoll jekk kienx hemm ħatriet simili fil-perjodu ta' wara u jekk kien hemm, jipprovdi dettalji dwar il-ħlas marbut magħhom?

07/10/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ninforma lil Onor. Interpellant li, l-individju (li d-dettalji dwaru qed jingħataw b'mod separat fil-mistoqsija) ma kienx membru fuq bordijiet/kumitati tal-Ministeru tagħna sad-29 ta Mejju, kif ukoll fil-perijodu ta wara.

Seduta Numru 33
09/11/2026

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U L-PROVVISTA TAL-IKEL – KAŻ TA' INDIVIDWU – ĦATRIET

3250. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament kienx appuntat f'bordijiet u kumitati fid-dekasteru li għalih hu responsabbli fid-29 ta' Mejju 2026? Jista' jgħid ukoll jekk kienx hemm ħatriet simili fil-perjodu ta' wara u jekk kien hemm, jipprovdi dettalji dwar il-ħlas marbut magħhom?

07/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-individwu in kwistjoni ma kienx appuntat fl-ebda bord, kumitat jew xi ħatriet simili fil-perjodu imsemmi.

Seduta Numru 33
09/11/2026

MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IT-TEKNOLOĠIJA U PROĠETTI STRATEĠIĊI – KAŻ TA' INDIVIDWU – ĦATRIET

3251. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament kienx appuntat f'bordijiet u kumitati fid-dekasteru li għalih hu responsabbli fid-29 ta' Mejju 2026? Jista' jgħid ukoll jekk kienx hemm ħatriet simili fil-perjodu ta' wara u jekk kien hemm, jipprovdi dettalji dwar il-ħlas marbut magħhom?

07/10/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-persuna msemmija hawn taħt ma ġiet maħtura fuq l-ebda Bord jew Kumitat li jaqa' taħt ir-responsabbiltà ta' dan il-Ministeru.

Seduta Numru 33
09/11/2026

MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT – KAŻ TA' INDIVIDWU – ĦATRIET

3252. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament kienx appuntat f'bordijiet u kumitati tal-Gvern fid-29 ta' Mejju 2026? Tista' tgħid ukoll jekk kienx hemm ħatriet simili fil-perjodu ta' wara u jekk kien hemm, tipprovdi dettalji dwar il-ħlas marbut magħhom?

07/10/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-individwu msemmi ma kienx appuntat fuq bordijiet jew kumitati li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat.

Seduta Numru 33
09/11/2026

MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA, L-AMBJENT U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR – KAŻ TA' INDIVIDWU – ĦATRIET

3255. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament kienx appuntat f'bordijiet u kumitati fid-dekasteru li għalih hi responsabbli fid-29 ta' Mejju 2026? Tista' tgħid ukoll jekk kienx hemm ħatriet simili fil-perjodu ta' wara u jekk kien hemm, tipprovdi dettalji dwar il-ħlas marbut magħhom?

07/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-persuna li d-dettalji tagħha ngħataw separatament ma kinitx appuntata f'bordijiet u kumitati fid-dekasteru li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħi u fil-perjodu ta' wara d-29 ta' Mejju 2026 ma saritilha l-ebda ħatra simili.

Seduta Numru 33 33
09/11/2026

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – KAŻ TA' INDIVIDWU – ĦATRIET

3257. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament kienx appuntat f'bordijiet u kumitati fid-dekasteru li għalih hu responsabbli fid-29 ta' Mejju 2026? Jista' jgħid ukoll jekk kienx hemm ħatriet simili fil-perjodu ta' wara u jekk kien hemm, jipprovdi dettalji dwar il-ħlas marbut magħhom?

07/10/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninforma lill-Onor Interpellant li sad-9 t'Ottubru 2026 l-individwu li ddettalji tiegħu inagħtaw separament ma kienx appuntat fuq kumitati jew bordijiet li jagħmlu parti mid-dekasteru tiegħi.

Seduta Numru 33
09/11/2026

MINISTERU GĦALL-INFRASTRUTTURA, L-IPPJANAR U X-XOGĦOL – KAŻ TA' INDIVIDWU – ĦATRIET

3258. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament kienx appuntat f'bordijiet u kumitati fid-dekasteru li għalih hu responsabbli fid-29 ta' Mejju 2026? Jista' jgħid ukoll jekk kienx hemm ħatriet simili fil-perjodu ta' wara u jekk kien hemm, jipprovdi dettalji dwar il-ħlas marbut magħhom?

07/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: B'riferenza għall-mistoqsija Parlamentari numru 3258, ninforma lill-Onerevoli interpellant li l-individwu, li d-dettalji dwaru kienu ingħataw separatament, fid-29 ta' Mejju 2026 kien għadu appuntat fuq il-Bord tal-Jobsplus bħala rappreżentant tal-MEA, b'remunerazzjoni ta' €6,229.50 p.a.

Seduta Numru 33
09/11/2026

MINISTERU GĦAT-TURIŻMU – KAŻ TA' INDIVIDWU – ĦATRIET

3259. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament kienx appuntat f'bordijiet u kumitati fid-dekasteru li għalih hu responsabbli fid-29 ta' Mejju 2026? Jista' jgħid ukoll jekk kienx hemm ħatriet simili fil-perjodu ta' wara u jekk kien hemm, jipprovdi dettalji dwar il-ħlas marbut magħhom?

07/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-persuna msemmija ma ġiet appuntata fl-ebda bord jew kumitat fid-dekasteru tat-Turiżmu.

Seduta Numru 33
09/11/2026

MINISTERU GĦALL-MOBBILTÀ SOSTENIBBLI – KAŻ TA' INDIVIDWU – ĦATRIET

3260. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament kienx appuntat f'bordijiet u kumitati fid-dekasteru li għalih hu responsabbli fid-29 ta' Mejju 2026? Jista' jgħid ukoll jekk kienx hemm ħatriet simili fil-perjodu ta' wara u jekk kien hemm, jipprovdi dettalji dwar il-ħlas marbut magħhom?

07/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-individwu msemmi ma kienx appuntat fuq bordijiet jew kumitati fi ħdan il-Ministeru għall-Mobbiltà Sostenibbli fid-29 ta' Mejju 2026, u lanqas ma ngħata xi ħatra simili sussegwentement.

Seduta Numru 33
09/11/2026

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ – KAŻ TA' INDIVIDWU – ĦATRIET

3261. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament kienx appuntat f'bordijiet u kumitati fid-dekasteru li għalih hu responsabbli fid-29 ta' Mejju 2026? Jista' jgħid ukoll jekk kienx hemm ħatriet simili fil-perjodu ta' wara u jekk kien hemm, jipprovdi dettalji dwar il-ħlas marbut magħhom?

07/10/2026

ONOR. CHRIS FEARNE: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-imsemmi individwu ma kienx appuntant f'bordijiet jew kumitati ta MFEA fil-perjodu indikat.

Seduta Numru 33
09/11/2026

MINISTERU GĦALL-GVERN LOKALI U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – KAŻ TA' INDIVIDWU – ĦATRIET

3262. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament kienx appuntat f'bordijiet u kumitati fid-dekasteru li għalih hi responsabbli fid-29 ta' Mejju 2026? Tista' tgħid ukoll jekk kienx hemm ħatriet simili fil-perjodu ta' wara u jekk kien hemm, tipprovdi dettalji dwar il-ħlas marbut magħhom?

07/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-individwu li d-dettalji tiegħu ngħataw separatament ma kienx appuntat fuq l-ebda bord u kumitat fil-perjodi msemmija.

Seduta Numru 33
09/11/2026

MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, ID-DJALOGU SOĊJALI U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR – KAŻ TA' INDIVIDWU – ĦATRIET

3263. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament kienx appuntat f'bordijiet u kumitati fid-dekasteru li għalih hu responsabbli fid-29 ta' Mejju 2026? Jista' jgħid ukoll jekk kienx hemm ħatriet simili fil-perjodu ta' wara u jekk kien hemm, jipprovdi dettalji dwar il-ħlas marbut magħhom?

07/10/2026

ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI:
Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-individwu msemmi huwa membru, bħala rappreżentant tal-MEA, fuq l-Employment Agencies Guarantee Fund Administration Board, il-Guarantee Fund Administration Board u t-Trust for Maternity and Adoption Leave, ex officio.
Barra minn hekk, L-individwu msemmi huwa wkoll membru, bħala rappreżentant tal-MEA, fuq l-Employment Relations Board, li għalih jirċievi remunerazzjoni ta' €2,508.52 fis-sena, kif ukoll fuq il-Low Wage Commission, li għaliha jirċievi remunerazzjoni ta' €2,462.25 fis-sena.

Seduta Numru 33
09/11/2026

MINISTERU GĦALL-INTERN U S-SIGURTÀ – KAŻ TA' INDIVIDWU – ĦATRIET

3264. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament kienx appuntat f'bordijiet u kumitati fid-dekasteru li għalih hu responsabbli fid-29 ta' Mejju 2026? Jista' jgħid ukoll jekk kienx hemm ħatriet simili fil-perjodu ta' wara u jekk kien hemm, jipprovdi dettalji dwar il-ħlas marbut magħhom?

07/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-persuna msemmija ma' kellu l-ebda inkarigu minn dan il-Ministeru.

Seduta Numru 33
09/11/2026

MINISTERU GĦALL-ARTI, IL-KULTURA U L-WIRT NAZZJONALI – KAŻ TA' INDIVIDWU – ĦATRIET

3265. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament kienx appuntat f'bordijiet u kumitati fid-dekasteru li għalih hu responsabbli fid-29 ta' Mejju 2026? Jista' jgħid ukoll jekk kienx hemm ħatriet simili fil-perjodu ta' wara u jekk kien hemm, jipprovdi dettalji dwar il-ħlas marbut magħhom?

07/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi mill-informazzjoni li għandi, il-persuna msemmija m'hija fl-ebda bord fid-dekasteru li għalih jien responsabbli.

Seduta Numru 33
09/11/2026

MINISTERU GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IL-BENESSERI U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI – KAŻ TA' INDIVIDWU – ĦATRIET

3266. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament kienx appuntat f'bordijiet u kumitati fid-dekasteru li għalih hu responsabbli fid-29 ta' Mejju 2026? Jista' jgħid ukoll jekk kienx hemm ħatriet simili fil-perjodu ta' wara u jekk kien hemm, jipprovdi dettalji dwar il-ħlas marbut magħhom?

07/10/2026

ONOR. OMAR FARRUGIA: Ninforma lil Onor. Interpellant illi r-risposta hija fin-negattiv

Seduta Numru 33
09/11/2026

MINISTERU GĦALL-UGWALJANZA U D-DRITTIJIET ĊIVILI – KAŻ TA' INDIVIDWU – ĦATRIET

3267. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili: Tista' l-Ministru tgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament kienx appuntat f'bordijiet u kumitati fid-dekasteru li għalih hi responsabbli fid-29 ta' Mejju 2026? Tista' tgħid ukoll jekk kienx hemm ħatriet simili fil-perjodu ta' wara u jekk kien hemm, tipprovdi dettalji dwar il-ħlas marbut magħhom?

07/10/2026

ONOR. ROSIANNE CUTAJAR: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi il-persuna msemmija ma ingħatat l-ebda pożizjoni fuq bordijiet u kumitati fil-Ministeru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili fid-29 ta' Mejju 2026.

Seduta Numru 33
09/11/2026

SENA SKOLASTIKA 2025-2026 – LIVELL SEC – ĦAMES PASSES JEW AKTAR

334. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm studenti kisbu ħames passes jew aktar fil-livell SEC (O Level) fis-sena skolastika 2025-2026?

25/06/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li n-numru ta' kandidati li kisbu ħames jew aktar 'passes' fis-sena skolastika 2025-2026 huwa 3252.

Seduta Numru 33
09/11/2026

SENA SKOLASTIKA 2025-2026 – LIVELL SEC – FIGURI

335. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jqabbel il-figuri ta' studenti li kisbu mill-inqas pass wieħed u dawk li kisbu ħames passes jew aktar fil-livell SEC (O Level) fis-sena skolastika 2025-2026, ma' dawk tal-aħħar ħames snin?

25/06/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt. Tajjeb li nippreċiża li dawk tal-ewwel row, huma riflessi wkoll fit-tieni row.

Sena	Studenti li kisbu 'Pass' Wieħed	Studenti li kisbu ħames 'passes' jew aktar
2026	4822	3252
2025	4716	3279
2024	4507	2938
2023	4286	2872
2022	4272	2780

Seduta Numru 33
09/11/2026

MQF LEVEL 1, 2 U 3 – PERSENTAĠĠ TA' STUDENTI

336. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-persentaġġ ta' studenti li qed jiksbu kwalifiki MQF Level 1 jew 2 huwiex qed jiżdied aktar malajr, minn dak tal-istudenti li qed jiksbu MQF Level 3?

25/06/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li Id-differenza fil-persentaġġ ta' studenti li qed jikbsu kwalifiki MQF Livell 1 jew 2 meta kkomparat ma' dawk li qed jikbsu MQF Livell 3 hija kif jidher fit-tabella ta' hawn taħt:

	2024/25	**2025/26**	**Differenza**
MQF 3	63.6%	74.5%	**10.9%**
MQF 2	14.6%	8.4%	**-6.2%**
MQF 1	1.9%	0.2%	**-1.8%**
Ebda Livell	19.9%	17.0%	**-2.9%**

Meta nqabblu din is-sena skolastika (2025/26) mas-sena skolastika li għaddiet (2024/25), kien hemm żieda sostanzjali ta' kważi 11% f'dawk l-istudenti li kisbu MQF Livell 3 u tnaqqis globali ta 8% fl-istudenti li kisbu MQF Livell 1 jew 2. Kien hemm ukoll tnaqqis ta' kważi 3% fl-istudenti li ma kisbux livell.

Seduta Numru 33
09/11/2026

KWALIFIKI MQF – ANALIŻI

337. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk saritx analiżi dwar jekk iż-żieda fil-kisba ta' kwalifiki MQF, hijiex tirrifletti titjib fil-prestazzjoni akkademika jew bidliet fil-metodu tal-assessjar?

25/06/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninsab infurmat li l-livelli tal-MQF miksuba mill-istudenti f'Malta fi tmiem il-vjaġġ skolastiku tagħhom żdiedu b'riżultat ta' diversi inizjattivi li saħħew il-kwalità u l-validità tal-proċess edukattiv.

Seduta Numru 33
09/11/2026

ELET – DATA MIĠBURA

338. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra d-data kollha li wasslet għall-konklużjoni li Malta issa tinsab taħt il-medja Ewropea fl-Early Leaving from Education and Training (ELET)?

25/06/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li d-data li waslet għall-konklużjoni li Malta issa tinsab taħt il-medja tal-Unjoni Ewropea fir-rata tat-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ (Early Leaving from Education and Training: ELET) hija dik ippubblikata mill-Eurostat f' Ġunju 2026, ibbażata fuq il-European Union Labour Force Survey (EU-LFS).
Skont din id-data uffiċjali, r-rata ta' Malta għas-sena 2025 hija ta' 8.6%, filwaqt li l-medja tal-Unjoni Ewropea (UE-27) hija ta' 9.1%.
Qed titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tad-data uffiċjali tal-Eurostat li fuqha hija bbażata din il-konklużjoni.

Seduta Numru 33
09/11/2026

ŻGĦAŻAGĦ LI MA JINSABUX FL-EDUKAZZJONI JEW TAĦRIĠ

339. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm żgħażagħ bejn it-18 u l-24 sena llum la jinsabu fl-edukazzjoni u lanqas fit-taħriġ?

25/06/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li, skont l-aħħar data disponibbli tal-Eurostat, ir-rata għal Malta fost iż-żgħażagħ ta' bejn it-18 u l-24 sena li ma kinux fl-impjieg, fl-edukazzjoni jew fit-taħriġ (NEETS) kienet ta' 9.0% fl-2025. Għall-istess grupp ta' età, il-medja tal-Unjoni Ewropea kienet ta' 11.8%, u għalhekk Malta tinsab taħt il-medja Ewropea.
Il-Gvern qed ikompli jaħdem biex aktar żgħażagħ jibqgħu jew jidħlu lura fl-edukazzjoni, fit-taħriġ jew fid-dinja tax-xogħol. Dan qed isir permezz ta' diversi miżuri, fosthom it-tisħiħ tal-mogħdijiet post-sekondarji u vokazzjonali, l-MCAST, programmi ta' second chance education, taħriġ u lifelong learning, kif ukoll miżuri marbuta mal-Istrateġija Nazzjonali għall-Edukazzjoni 2024–2030.
Il-Ministeru se jkompli jsaħħaħ il-ħidma tiegħu sabiex iż-żgħażagħ jingħataw aktar opportunitajiet biex jiksbu kwalifiki, ħiliet u esperjenzi li jwassluhom għal impjieg ta' kwalità u parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà.

Seduta Numru 33
09/11/2026

DTU - PROGRAMMI TA' TRATTAMENT

2054. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar in-numru ta' persuni li bdew u temmew programm ta' trattament mad-Day Therapy Unit (DTU) matul l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena?

21/07/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Nitlob lill-Onor. Interpellant, sabiex tirreferi għat tweġiba li ngħatat lill mistoqsija numru 2053.

Seduta Numru 33
09/11/2026

DTU - TRATTAMENTI - ŻMIEN TA' STENNIJA

2055. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm hi l-medja taż-żmien ta' stennija biex persuna tiġi aċċettata għal trattament mad-Day Therapy Unit (DTU)?

21/07/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Nitlob lill-Onor. Interpellant, sabiex tirreferi għat tweġiba li ngħatat lill mistoqsija numru 2053.

Seduta Numru 33
09/11/2026

DTU - PROFESSJONISTI IMPJEGATI

2056. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm professjonisti impjegati mad-Day Therapy Unit (DTU), maqsuma skont il-professjoni?

21/07/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Nitlob lill-Onor. Interpellant, sabiex tirreferi għat tweġiba li ngħatat lill mistoqsija numru 2053.

Seduta Numru 33
09/11/2026

DTU - TRATTAMENTI

2057. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li qed jirċievu trattament b'methadone jew mediċini oħra permezz tad-Day Therapy Unit (DTU)?

21/07/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Nitlob lill-Onor. Interpellant, sabiex tirreferi għat tweġiba li ngħatat lill mistoqsija numru 2053.

Seduta Numru 33
09/11/2026

DTU - PERSUNI RIFERUTI GĦAL PROGRAMMI TA' RIABILITAZZJONI

2058. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid fejn ġew riferuti l-persuni li ntbagħtu mid-Day Therapy Unit (DTU) għal programmi ta' riabilitazzjoni matul l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena, u kemm kien hemm referenzi lejn kull faċilità?

21/07/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Nitlob lill-Onor. Interpellant, sabiex tirreferi għat tweġiba li ngħatat lill mistoqsija numru 2053.

Seduta Numru 33
09/11/2026

TOTAL FERTILITY RATE

2066. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'kienet it-Total Fertility Rate, jiġifieri n-numru medju ta' tfal li mara mistennija li jkollha matul il-ħajja riproduttiva tagħha abbażi tar-rati ta' fertilità skont l-età, mis-sena 2000 sal-aħħar sena li għaliha hija disponibbli d-data, maqsuma sena b'sena?

22/07/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 33
09/11/2026

BENESSERI TAL-PRIĠUNIERI - RAPPORT ANNWALI

2219. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-aħħar rapport annwali maħruġ mill-kummissarju responsabbli mill-benesseri tal-priġunieri?

24/07/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-rapport annwali tal-Kummissarju responsabbli mill-Benesseri tal-Priġunieri, li jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2025, qed jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 33
09/11/2026

PRIĠUNIERI TAĦT L-INFLUWENZA TAD-DROGA

2220. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm inqabdu priġunieri taħt l-influwenza tad-droga bejn Jannar u Ġunju 2026, maqsuma xahar, b'xahar?

24/07/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat illi fil-perjodu indikat kien hemm tlieta (3) f'Jannar, wieħed (1) f'Marzu u tlieta (3) f'April.

Seduta Numru 33
09/11/2026

FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN - PERSUNAL TAĦT L-INFLUWENZA TAD-DROGA

2221. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm każijiet ta' persunal tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin li nqabdu taħt influwenza tad-droga bejn Jannar u Ġunju 2026?

24/07/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninforma lill-Onor Interpellant illi ninsab infurmat li fil-perjodu msemmi ħadd mill-uffiċċjali korrettivi ma' nstab taħt l-influwenza tad-droga

Seduta Numru 33
09/11/2026

FAMILJI LI M'GĦANDHOM AĊĊESS GĦALL-INTERNET

2222. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn familji f'Malta li m'għandhomx aċċess għall-internet fi djarhom?

24/07/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Ninforma lill-Onor. interpellant li l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (MCA) tinforma lil Onor. Interpellant li skont informazzjoni ppubblikata mill-Eurostat fid-dataset "Households – level of internet access", fl-2025 kien hemm 97.77% tal-households f'Malta li kellhom aċċess għall-internet fid-dar. L-informazjoni tal-Eurostat tirreferi għall-perċentwal ta' households li għandhom aċċess għall-internet fid-dar u tinkludi kull forma ta' użu tal-internet. L-istħarriġ ikopri households fejn mill-inqas membru wieħed għandu bejn 16 u 74 sena.
Ta' min jinnota li din l-informazzjoni hija bbażata fuq stħarriġ statistiku u mhux fuq xi reġistru ta' familji individwali. Għalhekk, il-Eurostat jipprovdi l-perċentwal u mhux in-numru assolut ta' familji.
Ta' min jinntota wkoll li dan il-perċentwal ma jirriflettix id-disponibbiltà tal-infrastruttura tan-network, li prattikament hija aċċessibbli f'kull parti tal-pajjiż.
Din l-informazzjoni hija aċċessibbli fuq il-paġna uffiċċjali tal-Eurostat:
https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/tin00134/default/table?lang=en

Seduta Numru 33
09/11/2026

PROĠETTI TA' RESTAWR

2223. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm proġetti ta' restawr matul dawn l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena?

24/07/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul dawn l-aħħar ħames snin, il-Gvern kompla jwettaq ħidma estensiva fil-qasam tar-restawr, il-konservazzjoni u l-preservazzjoni tal-wirt storiku u kulturali ta' pajjiżna. Permezz tad-Dipartiment tar-Restawr u l-Preservazzjoni, flimkien ma' entitajiet oħra kompetenti, twettqu diversi interventi fuq siti storiċi, fortifikazzjonijiet, knejjes, kappelli, monumenti u binjiet ta' valur patrimonjali.
Din il-ħidma tifforma parti mill-impenn kontinwu tal-Gvern sabiex il-patrimonju storiku u kulturali ta' Malta u Għawdex jibqa' mħares u ppreservat għall-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri.

Seduta Numru 33
09/11/2026

PROĠETTI TA' RESTAWR - FONDI PUBBLIĊI U EWROPEJ

2224. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid kemm intefqu fondi pubbliċi u Ewropej fil-proġetti ta' restawr matul dawn l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena?

24/07/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2223.

Seduta Numru 33
09/11/2026

MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA, L-AMBJENT U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR – ĦADDIEMA ĠODDA

2381. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 11 u tgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tagħha minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

03/08/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2372.

Seduta Numru 33 33
09/11/2026

MINISTERU GĦALL-FINANZI – ĦADDIEMA ĠODDA

2382. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12 u jgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tiegħu minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

03/08/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-PQ 2372.

Seduta Numru 33
09/11/2026

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – ĦADDIEMA ĠODDA

2383. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13 u jgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tiegħu minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

03/08/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Nirreferi lill-Onor Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari Nru 2372.

Seduta Numru 33
09/11/2026

MINISTERU GĦALL-INFRASTRUTTURA, L-IPPJANAR U X-XOGĦOL – ĦADDIEMA ĠODDA

2384. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 14 u jgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tiegħu minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

03/08/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Nirreferi lill-Onor Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari nru 2372.

Seduta Numru 33
09/11/2026

MINISTERU GĦAT-TURIŻMU – ĦADDIEMA ĠODDA

2385. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15 u jgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tiegħu minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

03/08/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Nirreferi lill-Onor Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari Nru 2372.

Seduta Numru 33
09/11/2026

MINISTERU GĦALL-MOBBILTÀ SOSTENIBBLI – ĦADDIEMA ĠODDA

2386. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 16 u jgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tiegħu minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

03/08/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Nirreferi lill-Onor Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari Nru 2372.

Seduta Numru 33
09/11/2026

IL-MELLIEĦA – AGRICULTURAL WASTE TREATMENT PLANT – PERJODU TA' KONĊESSJONI

2649. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: B'referenza għall-Agricultural Waste Treatment Plant propost fil-Qammieħ, il-Mellieħa, jista' l-Ministru jikkonferma jekk l-operatur magħżul huwa mistenni jopera u jżomm il-faċilità għal perjodu ta' 25 sena wara l-fażi ta' kostruzzjoni? Jista' wkoll jispjega fuq liema bażi ġie magħżul perjodu ta' 25 sena u x'obbligi ser ikollu l-konċessjonarju matul dan il-perjodu?

16/09/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta Numru 33
09/11/2026

IL-MELLIEĦA – AGRICULTURAL WASTE TREATMENT PLANT – KRONOLOĠIJA TAL-PROĊESSI

2650. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: B'referenza għall-Agricultural Waste Treatment Plant propost fil-Qammieħ, il-Mellieħa, jista' l-Ministru jispjega għaliex, wara l-proċess RAM/001/2025 u l-pubblikazzjoni ta' Concession Award Notice fid-29 ta' Ġunju 2026, fis-7 ta' Settembru 2026 inħareġ proċess ġdid, RAM/001/2026, fir-rigward tan-National Farm Waste Treatment Facility? Jista' wkoll jagħti kronoloġija sħiħa ta' dak li seħħ bejn iż-żewġ proċessi u jqiegħed id-dokumenti rilevanti kollha fuq il-Mejda tal-Kamra?

16/09/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta Numru 33
09/11/2026

IL-MELLIEĦA – AGRICULTURAL WASTE TREATMENT PLANT – RAM/001/2025 – EŻITU FINALI

2651. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: B'referenza għall-Agricultural Waste Treatment Plant propost fil-Qammieħ, il-Mellieħa, jista' l-Ministru jgħid x'kien l-eżitu finali ta' RAM/001/2025, kemm-il operatur ekonomiku ssottometta applikazzjoni, offerta jew espressjoni ta' interess, min kienu dawn l-operaturi, min minnhom ġie prekwalifikat u għaliex dak il-proċess ma wassalx għall-konċessjoni li issa qed terġa' tiġi mfittxija permezz ta' RAM/001/2026?

16/09/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta Numru 33
09/11/2026

IL-MELLIEĦA – AGRICULTURAL WASTE TREATMENT PLANT – NEFQA FUQ IL-PROĊESSI

2652. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: B'referenza għall-Agricultural Waste Treatment Plant propost fil-Qammieħ, il-Mellieħa, jista' l-Ministru jgħid kemm intefqu flus pubbliċi fuq il-proċessi RAM/001/2025 u RAM/001/2026 separatament sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, inklużi spejjeż għal konsulenti legali, tekniċi, finanzjarji, ambjentali u procurement advisers? Jista' wkoll jelenka l-kuntratti kollha, il-benefiċjarji rispettivi, is-servizz mogħti u l-ammont imħallas jew dovut lil kull wieħed?

16/09/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta Numru 33
09/11/2026

RAM/001/2025 – PROĊEDURI/APPELLI

2653. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: B'referenza għall-proċess RAM/001/2025 relatat mal-Agricultural Waste Treatment Plant li issa huwa propost fil-Qammieħ, il-Mellieħa, jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kull appell, objection jew proċedura li tressqet quddiem il-Public Contracts Review Board fir-rigward ta' dan il-proċess? Jista' jgħid ukoll, għal kull każ, min ressaq il-proċedura, x'kienet il-bażi tagħha, x'kien l-eżitu u jekk sarux tibdiliet fil-PQQ, fid-dokumentazzjoni jew fil-proċedura bħala riżultat tagħha? Jista' wkoll, b'mod partikolari, jagħti d-dettalji tal-proċedura marbuta mal-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament u jqiegħed id-deċiżjonijiet u d-dokumentazzjoni rilevanti fuq il-Mejda tal-Kamra?

16/09/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 33
09/11/2026

IL-MELLIEĦA – AGRICULTURAL WASTE TREATMENT PLANT – PROĊESS TA' PREKWALIFIKAZZJONI

2654. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: B'referenza għall-Agricultural Waste Treatment Plant propost fil-Qammieħ, il-Mellieħa, jista' l-Ministru jispjega għaliex Riżorsi Agrikoli Malta ppubblikat il-proċess ta' prekwalifikazzjoni RAM/001/2026 qabel ma ġiet konkluża u ppubblikata konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa u mal-komunità lokali, u qabel ma ġew ippubblikati l-istudji dwar it-traffiku, l-ambjent u l-impatt fuq it-turiżmu?

16/09/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tingħabar.

Seduta Numru 33
09/11/2026

GĦAWDEX – SISTEMA TAL-ELETTRIKU – SINGLE POINTS OF FAILURE

2686. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk saritx analiżi dwar single points of failure fis-sistema li tforni lil Għawdex, inkluż ir-rotta tal-cables minn Malta għal Għawdex u l-infrastruttura f'Kemmuna? Jekk iva, meta saret u x'kienu l-konklużjonijiet tagħha?

17/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'żieda mat-tweġiba dettaljata li diġà tajtu għall-mistoqsija parlamentari 2674, din it-tweġiba wkoll tapplika għal mistoqsijiet parlamentari oħrajn li ressaq dwar l-istess suġġett.
Il-Gvern, permezz tal-Enemalta, qed ikompli jwettaq programm ta' investiment fl-infrastruttura tad-distribuzzjoni tal-elettriku f'Għawdex, kemm biex isaħħaħ in-network eżistenti kif ukoll biex iżid il-kapaċità, l-affidabbiltà u r-reżiljenza tal-provvista.

Fil-fatt, mill-2025 sal-lum, l-investiment fi proġetti relatati mas-substations u l-cables f'Għawdex laħaq €4,298,871. Permezz ta' dan l-investiment, kompla jissaħħaħ in-network tal-medium voltage (11kV) u tal-low voltage fil-gżira. Matul dan il-perjodu biss, tpoġġew madwar 15-il kilometru ta' cables ġodda tal-medium voltage f'diversi lokalitajiet, fosthom ix-Xewkija, il-Qala, Għajnsielem, ir-Rabat, Sannat, il-Munxar, Marsalforn, ix-Xagħra, l-Għarb, Kerċem u l-Għasri. Dan ifisser li tpoġġew ħames kilometri aktar mill-10 kilometri mwiegħda għall-istess perjodu f'Għawdex.

F'Għawdex qed jitmexxew proġetti infrastrutturali oħrajn li għandhom l-għan li jsaħħu b'mod sostanzjali l-konnessjonijiet tal-elettriku bejn Malta u Għawdex. Kif diġà tħabbar, dawn jinkludu żewġ links ġodda ta' 33kV bejn Malta u Għawdex, kif ukoll konnessjoni ġdida ta' 132kV bejn iż-żewġ gżejjer. Dawn l-investimenti huma intiżi sabiex iżidu l-kapaċità, ir-reżiljenza u r-redundancy tas-sistema tal-elettriku li tforni lil Għawdex.

Qed inpoġġi wkoll fuq il-Mejda tal-Kamra stqarrijiet pubbliċi tal-Enemalta, li jagħtu aktar dettalji dwar il-programm ta' investiment iddedikat għal Għawdex. Dan il-programm huwa intiż biex l-Enemalta żżid il-kapaċità tas-sistema u tħejji n-network biex ikun jista' jilqa' għad-domanda futura.

Bħala parti mit-tħejjijiet għal dawn il-konnessjonijiet il-ġodda, huwa ppjanat li matul is-sena li ġejja jsiru estensjonijiet tas-switchgear ta' 33kV fiċ-Ċentri ta' Distribuzzjoni tax-Xewkija u tal-Qala, kif ukoll fiċ-Ċentru ta' Distribuzzjoni ta' Vendome. Barra minn hekk, se ssir estensjoni tas-switchgear ta' 11kV fiċ-Ċentru ta' Distribuzzjoni tax-Xewkija.

Fl-istess waqt, l-Enemalta tkompli tissorvelja u tevalwa kontinwament l-infrastruttura eżistenti li tforni l-elettriku lil Għawdex, inklużi l-feeders ta' 33kV, ir-rotot tal-cables u l-infrastruttura relatata, bil-għan li jiġu identifikati riskji u tissaħħaħ ir-reżiljenza.

Fir-rigward tal-infrastruttura affettwata mill-ħsarat inkwistjoni, iż-żewġ feeders li seħħew ħsarat fuqhom ifornu liċ-Ċentri ta' Distribuzzjoni tax-Xewkija u tal-Qala, li ġew ikkummissjonati fl-2017 u fl-1996 rispettivament. Dawn iż-żewġ ċentri huma fornuti miċ-Ċentru ta' Distribuzzjoni ta' Kemmuna.

Biex tinżamm l-affidabbiltà tal-infrastruttura eżistenti, l-Enemalta twettaq ukoll programm regolari ta' manutenzjoni preventiva u monitoraġġ tekniku. Bħala parti minn dan il-programm, isiru xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq is-switchgear kull sentejn fiċ-Ċentru ta' Distribuzzjoni tal-Qala u kull tliet snin f'dak tax-Xewkija. Isiru wkoll testijiet tal-partial discharge kull tliet xhur, filwaqt li fiċ-Ċentru ta' Distribuzzjoni tal-Qala hemm sistema ta' monitoraġġ kontinwu, 24 siegħa kuljum, sebat'ijiem fil-ġimgħa.

Dwar il-kriterji li fuqhom l-Enemalta tiddetermina l-kapaċità meħtieġa tas-sistema tal-elettriku u tippjana l-investimenti infrastrutturali tagħha, nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari 2125.
Fir-rigward tal-miżuri operattivi li jittieħdu f'każ ta' interruzzjoni fil-provvista, l-Onor. Interpellant staqsa dwar l-użu ta' generators. Ninfurmah li dawn jintużaw skont il-ħtieġa u ċ-ċirkostanzi operattivi. F'eventwalità li jkun hemm ħtieġa li tingħata provvista permezz ta' generators jew li jsir restawr tal-provvista, l-ewwel prijorità tingħata lill-faċilitajiet tas-servizzi tas-saħħa u lid-djar tal-anzjani.
F'dan il-kuntest, ninsab infurmata li fil-ġurnata inkwistjoni, kemm l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex kif ukoll Casa Giuseppe, fir-Rabat, baqgħu mqabbdin mal-grid u ma ġewx affettwati minn qtugħ fil-provvista.
Dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-prestazzjoni tan-network, ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS) jingħata l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni u l-affidabbiltà tan-network, liema informazzjoni tiġi pubblikata fid-dominju pubbliku permezz tan-*National Report of the Regulator for Energy and Water Services to the European Commission*. Dan ir-rapport jinkludi informazzjoni dwar in-network tal-elettriku, is-sigurtà u l-affidabbiltà tiegħu, il-bilanċ bejn il-provvista u d-domanda u s-sigurta tal-provvista.
Fir-rigward tal-assistenza lill-konsumaturi affettwati minn interruzzjonijiet fil-provvista, kif jaf l-Onor. Interpellant, dan il-Gvern iħaddem skema ta' kumpens ex gratia għall-familji u n-negozji milquta. Din l-iskema hija separata mill-proċedura stabbilita għal talbiet għal danni, li permezz tagħha l-konsumaturi jistgħu jissottomettu l-Claim for Damages Application Form tal-Enemalta.
Dwar il-komunikazzjoni u l-koordinazzjoni waqt inċidenti li jaffettwaw il-provvista tal-elettriku, il-Ministeru dejjem ikun f'kuntatt dirett u kontinwu mal-Enemalta matul l-istadji kollha ta' inċident, u jinżamm aġġornat dwar l-iżviluppi, l-interventi tekniċi u l-proċess tar-restawr tal-provvista.
Min-naħa tagħha, l-Enemalta tikkomunika pubblikament hekk kif ikollha informazzjoni ċara u verifikata dwar iċ-ċirkostanzi tal-inċident. L-Enemalta tuża diversi mezzi biex iżżomm lill-pubbliku infurmat waqt interruzzjonijiet fil-provvista. Dawn jinkludu l-Live Outage Map, is-servizz tal-SMS għall-klijenti reġistrati, il-Customer Care, il-WhatsApp u Messenger chatbots, kif ukoll aġġornamenti fuq il-mezzi soċjali u informazzjoni lill-media.
L-Enemalta qed tkompli ittejjeb l-aċċess tal-klijenti għall-informazzjoni dwar il-provvista tal-elettriku permezz tas-servizzi diġitali tagħha. Il-klijenti jistgħu jidħlu permezz tal-e-ID u jaraw informazzjoni dwar ħsarat li jkunu qed jaffettwaw direttament il-provvista marbuta mal-kontijiet tagħhom, inklużi ħsarat fuq in-network tal-low voltage.

Seduta Numru 33
09/11/2026

GĦAWDEX – DISTRIBUTION CENTRES TAL-ELETTRIKU

2687. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid liema wieħed miż-żewġ Distribution Centres f'Għawdex ġie affettwat waqt l-inċident tal-qtugħ fil-provvista tal-elettriku li affettwa lil Għawdex fit-28 u d-29 ta' Awwissu 2026? Tista' tgħid ukoll x'tip ta' ħsara seħħet, x'ikkawżaha u kemm naqqset il-kapaċità disponibbli biex jiġi ddistribwit l-elettriku f'Għawdex?

17/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2686.

Seduta Numru 33 33
09/11/2026

GĦAWDEX – DISTRIBUTION CENTRES TAL-ELETTRIKU

2688. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid meta ġew ikkummissjonati ż-żewġ Distribution Centres li jservu lil Għawdex, x'investiment sar fihom matul l-aħħar għaxar snin u jekk hemmx ippjanati upgrades jew sostituzzjoni ta' tagħmir f'dawn iċ-ċentri?

17/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2686.

Seduta Numru 33 33
09/11/2026

GĦAWDEX – CABLES ĠODDA TAL-ELETTRIKU

2689. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tħabbira tal-Gvern ta' Ġunju 2025 dwar l-installazzjoni ta' aktar minn għaxar kilometri ta' cables ġodda f'Għawdex, tista' l-Ministru tgħid kemm minn dawn il-kilometri kienu effettivament tlestew sat-28 ta' Awwissu 2026, maqsuma lokalità b'lokalità?

17/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2686.

Seduta Numru 33 33
09/11/2026

GĦAWDEX – PROĠETT TA' CABLES U SUBSTATIONS ĠODDA – NEFQA

2690. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm kienet in-nefqa effettiva fuq il-programm ta' cables u substations ġodda f'Għawdex imħabbar fl-2025 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, u tagħti breakdown skont il-proġett?

17/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2686.

Seduta Numru 33 33
09/11/2026

GĦAWDEX – PROĠETT TA' CABLES U SUBSTATIONS ĠODDA

2691. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk xi parti mill-investiment fuq il-programm ta' cables u substations ġodda f'Għawdex imħabbar fl-2025 kellhiex l-għan li tnaqqas ir-riskju speċifiku ta' qtugħ estensiv bħal dak li seħħ fit-28 u d-29 ta' Awwissu 2026? Jekk le, x'investiment kien ippjanat biex jindirizza r-redundancy tal-provvista ewlenija lejn Għawdex?

17/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2686.

Seduta Numru 33 33
09/11/2026

TURISTI LI ŻARU MALTA GĦALL-GĦADIS

3800. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm turisti żaru Malta speċifikament għall-għadis matul l-2025? Jista' jgħid ukoll x'nefqa ġġeneraw u x'miżuri qed jittieħdu biex Malta ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha bħala destinazzjoni premium għall-għadis?

19/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Ninsab infurmat li stimi bbażati fuq stħarriġ kontinwu li twettaq l-Awtorità tat-Turiżmu (MTA Traveller Survey) jindikaw li, fl-2025 madwar 150,000 turist żaru l-gżejjer Maltin speċifikament għall-għadis - ekwivalenti għal 3.7% tat-turisti kollha.
L-istħarriġ juri wkoll li madwar 266,000 turist, jiġifieri 6.6% tat-total, ipprattikaw l-għadis matul iż-żjara tagħhom. Din l-istima tinkludi lit-turisti kollha li pprattikaw l-għadis matul iż-żjara tagħhom, mhux biss lil dawk li ġew speċifikament għall-għadis.
L-istess stħarriġ juri li t-turisti li żaru l-gżejjer Maltin primarjament għall-għadis fl-2025 qattgħu medja ta' 8.4 iljieli fil-gżejjer Maltin u nefqu medja ta' 1,600 ewro għal kull persuna. Din in-nefqa tinkludi kemm in-nefqa qabel it-tluq kif ukoll dik matul iż-żjara.
Sabiex Malta tkompli ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha bħala destinazzjoni premium għall-għadis, l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta tkompli tinvesti kemm fl-iżvilupp tal-prodott kif ukoll fil-manutenzjoni ta' siti partikolari tal-għadis, flimkien mal-promozzjoni internazzjonali tagħhom. Waħda mill-aktar inizjattivi importanti hija l-iżvilupp tal-Marine Park taċ-Ċirkewwa, li għandu l-għan li jipproteġi u jsaħħaħ wieħed mill-aktar ambjenti tal-għadis rinomati fil-Mediterran.
Fl-istess ħin, Malta kompliet tinvesti fil-ħolqien ta' attrazzjonijiet taħt il-baħar permezz ta' bastimenti mgħarrqa apposta għall-għadis, li għenu biex il-pajjiż joffri wieħed mill-aktar prodotti ta' wreck diving attrajenti fir-reġjun.

Seduta Numru 33 33
09/11/2026

ŻONI TURISTIĊI – TOILETS PUBBLIĊI, FAĊILITAJIET GĦALL-ILMA TAX-XORB/BDIL TAL-ĦWEJJEĠ U KONTENITURI ADDIZZJONALI GĦALL-ISKART

3801. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew installati toilets pubbliċi, faċilitajiet għall-ilma tax-xorb, faċilitajiet għall-bdil tal-ħwejjeġ u kontenituri addizzjonali għall-iskart fiż-żoni turistiċi ewlenin matul l-2025 u l-ewwel sitt xhur tal-2026?

19/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 33
09/11/2026

SETTURI RELATATI MAT-TURIŻMU – IMPJEGATI – TCNS

3802. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ċittadini ta' pajjiżi terzi (TCNs) impjegati bħalissa fis-setturi tal-akkomodazzjoni, tal-ikel u x-xorb u setturi oħra relatati mat-turiżmu, maqsuma skont is-settur?

19/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 33
09/11/2026

IS-SETTURI TAL-OSPITALITÀ U TAT-TURIŻMU – PROGRAMMI FINANZJATI MILL-GVERN

3803. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid xi programmi qed jiġu ffinanzjati mill-Gvern biex jitjiebu l-ħiliet, il-kompetenza lingwistika u l-istandards professjonali fis-setturi tal-ospitalità u tat-turiżmu?

19/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-korsijiet kollha offruti mill-Istitut tal-Istudji Turistiċi, huma immirati biex itejbu l-ħiliet, il-kompetenzi lingwistiċi u l-istandards professjonali fis-settur tal-ospitalità u tat-turiżmu.

Seduta Numru 33
09/11/2026

IS-SETTUR TAL-OSPITALITÀ – VALUTAZZJONI/STUDJU

3804. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern wettaqx xi valutazzjoni u studju dwar il-kundizzjonijiet tal-impjieg, it-turnover tal-ħaddiema u r-remunerazzjoni medja fis-settur tal-ospitalità?

19/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 33
09/11/2026

LINJI TAL-AJRU - INĊENTIVI FINANZJARJI/GARANZIJI/APPOĠĠ TA' MARKETING

3805. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern, l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) jew xi entità pubblika oħra li taqa' taħt il-Ministeru tat-Turiżmu jipprovdux inċentivi finanzjarji, garanziji jew appoġġ ta' marketing lil-linji tal-ajru li joperaw rotot lejn Malta, u jagħti l-ammont allokat għal kull rotta?

19/10/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: L-informazzjoni tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 33
09/11/2026

FORZI ARMATI TA' MALTA – MEMBRI STAZZJONATI F'GĦAWDEX

3916. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm membri tal-Forzi Armati ta' Malta stazzjonati f'Għawdex matul dawn l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn il-membri kienu assenjati xogħol amministrattiv jew xogħol fl-uffiċċju u kemm minn dawn il-membri kienu assenjati dmirijiet operattivi fuq barra?

20/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' membri tal-FAM stazzjonati f'Għawdex matul dawn l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena, huwa kif indikat fit-tabella t'hawn taħt. Fost dawn hemm uffiċjali li jesegwixxu xogħol amministrattiv.

Sena	2021	2022	2023	2024	2025	2026
Ammont Totali	65	82	81	81	96	94

Seduta Numru 33
09/11/2026

PROTEZZJONI ĊIVILI – MEMBRI STAZZJONATI F'GĦAWDEX

3917. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm membri tal-Protezzjoni Ċivili stazzjonati f'Għawdex matul dawn l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn il-membri kienu assenjati xogħol amministrattiv jew xogħol fl-uffiċċju u kemm minn dawn il-membri kienu assenjati dmirijiet operattivi fuq barra?

20/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' membri tal-Protezzjoni Ċivili stazzjonati f'Għawdex matul dawn l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena, huwa kif indikat fit-tabella t'hawn taħt. Fost dawn hemm uffiċjali li jesegwixxu xogħol amministrattiv.

Sena	2022	2023	2024	2025	2026
Ammont Totali	39	38	54	77	75

Seduta Numru 33
09/11/2026

SKWADRA TA' KONTRA D-DROGA

3919. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2243 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 456, jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm uffiċjali tal-Pulizija stazzjonati fl-Iskwadra ta' Kontra d-Droga f'Malta u f'Għawdex bejn l-2016 u l-2026, maqsuma sena b'sena? Jista' wkoll jindika r-rank tal-uffiċjali stazzjonati f'din l-Iskwadra għal kull waħda minn dawn is-snin, b'taqsima separata għal Malta u għal Għawdex? Jista' jgħid ukoll, għal kull sena msemmija, kemm minn dawn l-uffiċjali kienu assenjati xogħol amministrattiv (fl-uffiċċju) u kemm kienu assenjati xogħol operattiv fuq barra, kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex?

21/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta mogħtija f'domanda parlamentari Nru 3504, infakkru wkoll li, kif intqal fit-tweġiba għall-Mistoqsija Parlamentari Nru 456, il-Korp tal-Pulizija għandu skwadra waħda ta' kontra d-droga li tkopri l-pajjiż kollu, inkluż Għawdex.

Seduta Numru 33
09/11/2026

GĦAWDEX – BINJA ĠDIDA TAL-QORTI

4063. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-binja l-ġdida tal-Qorti f'Għawdex hijiex se tinkludi parkeġġ apposta għall-ġudikatura, l-avukati, il-ħaddiema u l-pubbliku, u kemm se jkun hemm spazji għal dan il-għan?

22/10/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-binja l-ġdida tal-Qorti f'Għawdex hija ppjanata li tinkludi faċilitajiet ta' parkeġġ. Madankollu, f'dan l-istadju tal-proġett, għadu prematur li tingħata informazzjoni aktar dettaljata dwar it-tqassim tal-ispazji ta' parkeġġ u l-allokazzjoni tagħhom. Aktar dettalji dwar dan l-aspett ikunu jistgħu jingħataw iktar il-quddiem fl-implementazzjoni tal-proġett.

Seduta Numru 33
09/11/2026

TWELID TA' TRABI

4064. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' l-Ministru jgħid, għall-perjodu mill-2020 sal-2026, maqsuma sena b'sena:
i. kemm kien in-numru ta' trabi li twieldu fl-Isptar Mater Dei u fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, separatament għal kull sptar; u
ii. kemm mit-trabi li twieldu fl-Isptar Mater Dei kienu tfal ta' ommijiet residenti f'Għawdex fil-mument tat-twelid?

22/10/2026

ONOR. IAN BORG: Ninsab infurmat li n-numru ta' trabi li twieldu fl-Isptar Mater Dei u fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex bejn l-2020 u l-2025 jinsab fit-tabella ta' hawn taħt:

Sptar	**2020**	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**	**2025**
Mater Dei	4153	4121	4025	4205	4090	4060
Gozo General	330	303	302	292	289	329

Infurmat ukoll li t-trabi li twieldu fl-Isptar Mater Dei u li kienu tfal ta' ommijiet irrapportati bħala residenti f'Għawdex bejn l-2020 u l-2025 huma kif jidhru hawn taħt:

Reported Locality of Maternal Residence for babies born at MDH	**2020**	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**	**2025**
Malta	4122	4092	3980	4172	4058	4022
Gozo	30	25	40	33	32	38
Unknown locality	1	4	5	0	0	0

Seduta Numru 33
09/11/2026

ASSISTENT PERSONALI – APPLIKAZZJONIJIET PENDENTI

4152. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm applikazzjonijiet pendenti (persuni li għadhom ma ngħatawx tweġiba jekk jikkwalifikawx) għal assistent personali?

23/10/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li, l-applikazzjonijiet ikunu fi stadji differenti tal-proċess u għaldaqstant, sakemm l-applikazzjoni tkun għaddiet mill-proċess ta' assessjar u tal-allokazzjoni tal-fondi mill-Bord rispettiv, l-applikanti jkunu qegħdin jistennew deċiżjoni finali dwar l-eliġibilità għal dan is-sussidju. Ninsab infurmata li fil-preżent hemm 83 applikazzjoni li qed jiġu assessjati u jinsabu fi stadji differenti. Infurmata wkoll li 214-il applikazzjoni oħra qed tiġi proċessata sabiex tibda l-proċess ta' assessjar.

Seduta Numru 33
09/11/2026

TFAL BL-AWTIŻMU – TAĦRIĠ PERSONALIZZAT FL-GĦAWM U S-SIGURTÀ FL-ILMA

4153. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il tifel u tifla bl-awtiżmu attendew għat-taħriġ personalizzat fl-għawm u s-sigurtà fl-ilma u fejn ingħata dan it-taħriġ? Tista' tgħid ukoll jekk dan il-proġett kienx biss proġett pilota jew inkella hux ser jibqa' jsir? Jekk ser jibqa' jsir, tista' tgħid kull kemm żmien (sena, sentejn, eċċ.) ser jibda jsir dan it-taħriġ?

23/10/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li 80 tifel u tifla bl-awtiżmu bejn l-etajiet tat-tlieta u ħames snin attendew għat-taħriġ personalizzat fl-għawm u s-sigurtà fl-ilma li sar fil-pixxina tal-Inspire u fil-Pixxina Nazzjonali Tal-Qroqq.
Bħalissa l-Ministeru qed jevalwa l-eżitu ta' dan il-programm u kif jista' jissaħħaħ biex jilħaq b'mod aktar effettiv ukoll lill-ġenituri u/jew kustodji tat-tfal.

Seduta Numru 33
09/11/2026

PERSUNI B'DIŻABILITÀ LI SETGĦU JAĦDMU – SENA 2025

4154. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm persuni b'diżabilità setgħu jaħdmu fl-aħħar tal-2025? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn il-persuni kienu qegħdin jaħdmu?

23/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 33
09/11/2026

PERSUNI LI SETGĦU JAĦDMU – SENA 2025

4155. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm persuni setgħu jaħdmu fl-aħħar tal-2025? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn il-persuni kienu qegħdin jaħdmu?

23/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 33
09/11/2026

VITTMI TAL-PILLOLA THALIDOMIDE – IT-TIENI SEJĦA GĦALL-KUMPENS

4156. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm applikaw persuni għat-tieni sejħa għal kumpens għall-vittmi tal-pillola Thalidomide? Tista' tgħid ukoll kemm minn dawn il-persuni kienu eliġibbli, kemm hu l-valur ta' kumpens għal kull persuna u meta hemm ħsieb li jsiru dawn il-ħlasijiet?

23/10/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Ninforma lill-Onoervoli Interpellant li għat-tieni sejħa għall-kumpens għall-vittmi tal-pillola Thalidomide applikaw 8 persuni. Wara l-istadju ta' screening tar-records mediċi, 3 applikanti kkwalifikaw għall-eżami mediku.
A bażi tal-eżami mediku, żewġ applikanti kkwalifikaw għall-kumpens li ser jitħallas fuq medda ta' tliet snin bħalma sar fl-ewwel sejħa.

Seduta Numru 33
09/11/2026

ĦAD-DINGLI – ĊENTRU LI JOFFRI SERVIZZ TA' RESPITE

4157. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid fiex wasal il-proġett f'Ħad-Dingli li se joffri servizzi ta' respite għal tfal u żgħazagħ b'diżabilità? Tista' tgħid ukoll meta hu ppjanat li dan il-proġett jitlesta u jibda jopera? Tista' tgħid ukoll x'servizzi ser ikunu qegħdin jingħataw minn dan iċ-ċentru?

23/10/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-fażi tal-kostruzzjoni tal-proġett f'Ħad-Dingli hija kważi kompluta, u matul il-ġimgħat li ġejjin ser jibdew ix-xogħlijiet mekkaniċi u elettriċi, kif ukoll xogħlijiet oħra ta' tlestija.
Huwa mistenni li l-proprjetà tkun lesta biex tiġi operata fi żmien sena.
Nixtieq nenfasizza li x-xogħlijiet fil-bini jeħtieġu metodu speċifiku sabiex jiġi ppreservat il-valur storiku tiegħu, f'konformità mar-rekwiżiti tal-awtoritajiet kompetenti.
Min-naħa ta' servizzi, il-proġett f'Ħad-Dingli hu mmirat li jipprovdi servizz ta' respite għall-minuri. Filwaqt li bħalissa qed titlesta l-infrastruttura, bdew ukoll il-preparamenti biex jitfassal PSP agreement li permezz tiegħu se jopera dan il-proġett ġaladarba l-infrastruttura tkun lesta.

Seduta Numru 33
09/11/2026

L-IMĠARR, GĦAWDEX – FAST FERRY TERMINAL – NEFQA FUQ IŻ-ŻONA TA' STENNIJA

4166. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġiet tiswa t-tisqifa fiż-żona ta' stennija għall-passiġġieri fit-terminal tal-Fast Ferry fl-Imġarr, Għawdex, li jservi l-vjaġġi lejn il-Belt Valletta, inklużi l-ispejjeż tad-disinn, ix-xiri u l-installazzjoni tagħha, u jagħti rendikont separat ta' kull nefqa?

23/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-nefqa totali għat-tisqifa fiż-żona ta' stennija tat-terminal tal-Fast Ferry fl-Imġarr, Għawdex, kienet ta' €181,773.80, (eskluż l-VAT).

Seduta Numru 33
09/11/2026

HERITAGE MALTA – SPEĊIFIKAZZJONIJIET TAT-TENDERS

4287. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-ispeċifikazzjonijiet tat-tenders għal proġetti ta' restawr ikkummissjonati minn Heritage Malta jinkludux kundizzjonijiet dwar l-integrazzjoni sensittiva ta' servizzi moderni u l-preservazzjoni tal-karatteristiċi viżivi u arkitettoniċi tas-sit?

26/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li Heritage Malta tibbaża l-proġetti ta' restawr tagħha fuq prinċipji internazzjonali ta' konservazzjoni, b'mod partikolari dawk stabbiliti mill-ICOMOS, fosthom il-*Venice Charter* tal-1964.
Dawn il-prinċipji, li jinkludu r-riversibbiltà, l-intervent minimu u d-distinzjoni bejn elementi oriġinali u interventi moderni, jiġu integrati mill-periti responsabbli mill-konservazzjoni fl-ippjanar, fit-tmexxija u fl-eżekuzzjoni tal-proġetti ta' restawr.
Għalkemm dawn il-prinċipji mhux neċessarjament ikunu elenkati bħala kundizzjonijiet individwali fl-ispeċifikazzjonijiet tat-tenders, xorta waħda jiffurmaw parti integrali mill-implimentazzjoni tal-proġetti.
Barra minn hekk, dawn ix-xogħlijiet ikunu suġġetti għall-monitoraġġ tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali, sabiex jiġi żgurat li jiġu osservati l-istandards rilevanti tal-konservazzjoni u titħares l-integrità storika, arkitettonika u viżiva tas-siti.

Seduta Numru 33
09/11/2026

SPEJJEŻ ADDIZZJONALI FIL-PRODUZZJONIJIET TAL-FILMS

4288. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid jekk Heritage Malta jew il-Kummissjoni Maltija għall-Films ġabrux informazzjoni dwar spejjeż addizzjonali li produzzjonijiet tal-films kellhom jagħmlu sabiex jaħbu jew ineħħu viżwalment elementi moderni f'siti storiċi? Jekk iva, jista' jagħti ċ-ċifri disponibbli għall-aħħar ħames snin?

26/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 33
09/11/2026

HERITAGE MALTA - REĠISTRU TAL-INTERVENTI TA' RESTAWR

4289. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid jekk Heritage Malta żżommx reġistru tal-interventi ta' restawr li jistgħu jaffettwaw l-użu futur ta' siti storiċi bħala locations għall-films? Jekk iva, jista' jgħid jekk dan ir-reġistru jinkludix valutazzjoni tal-effett fuq il-potenzjal tal-filming?

26/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li Heritage Malta żżomm dokumentazzjoni dettaljata ta' kull proġett ta' restawr, li tinkludi l-istat tas-sit qabel, matul u wara l-interventi mwettqa, sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tax-xogħlijiet kollha.
Din id-dokumentazzjoni tinżamm skont il-prinċipji u l-etika tal-konservazzjoni u r-restawr tal-wirt kulturali, u mhux bil-għan li jiġi evalwat il-potenzjal tas-siti għal użi speċifiċi, inkluż għall-ġbid ta' films u produzzjonijiet awdjoviżivi.

Seduta Numru 33
09/11/2026

FORTI RICASOLI – PROĠETTI TA' RESTAWR JEW RIABILITAZZJONI

4290. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jipprovdi lista tal-proġetti ta' restawr, riabilitazzjoni jew interventi oħra li twettqu fil-Forti Ricasoli mill-2021 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, u jindika għal kull proġett id-data tat-tlestija, l-ispiża u l-entità responsabbli?

26/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Ninforma lil Onor. Interpellant li ninsabu infurmat li matul il-perjodu msemmi, id-Dipartiment tar-Restawr u l-Preservazzjoni wettaq tliet proġetti ta' restawr fil-Forti Ricasoli.
Dawn kienu jinkludu r-restawr tal-faċċata tan-Nofsinhar tar-Ridott ta' San Duminku (Counterguard), ir-restawr tad-Demi-Bastjun ta' San Duminku, kif ukoll xogħlijiet ta' rikostruzzjoni u restawr tal-faċċata tal-Casemates tul it-Tenaille tal-Forti.

Seduta Numru 33
09/11/2026

FORTI RICASOLI – PROĠETTI ĠODDA

4291. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid jekk humiex ippjanati proġetti ġodda ta' restawr, riabilitazzjoni jew żvilupp fil-Forti Ricasoli? Jekk iva, jista' jagħti dettalji tal-interventi ppjanati, l-ispiża stmata tagħhom u ż-żmien mistenni għall-implimentazzjoni?

26/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li ġejt informat li hemm numru ta' interventi ta' restawr ippjanati fuq il-Forti Ricasoli, dan sabiex tiġi żgurata il-konservazzjoni u r-restawr tas-swar tal-Forti.

Seduta Numru 33
09/11/2026

FORTI RICASOLI – VALUTAZZJONI TAL-IMPATT TA' INTERVENTI MAĠĠURI

4292. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid jekk qabel ma jiġu approvati interventi maġġuri fil-Forti Ricasoli ssirx valutazzjoni tal-impatt tagħhom fuq il-kapaċità tas-sit li jintuża għall-ġbid ta' films u produzzjonijiet televiżivi? Jekk iva, jista' jagħti d-dettalji ta' dawn il-valutazzjonijiet mill-2021 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

26/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 33
09/11/2026

BORMLA – SIT TA' SAN ĠWANN T'GĦUXA – XOGĦLIJIET

4302. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'xogħlijiet ta' manutenzjoni saru fis-sit ta' San Ġwann t'Għuxa, f'Bormla, sa qabel ir-riġenerazzjoni tal-2023? Tista' tgħid ukoll min wettaq dan ix-xogħol?

26/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-2022, il-Kunsill Lokali ta' Bormla talab biex żona f'San Ġwann t'Għuxa, li kienet fi stat t'abbandun, tiġi rijabilitata u trasformata fi spazju aħdar għall-benefiċċju tar-residenti. Is-sit kien fih ammont konsiderevoli ta' skart u siġar tal-Akaċja, li huma meqjusin bħala speċi invażivi.
Ix-xogħlijiet ta' riġenerazzjoni bdew fl-2023 minn Project Green u kienu jinkludu t-tindif tas-sit, it-tneħħija tal-ispeċi invażivi, t-tħejjija tal-art u ż-żieda ta' ħamrija ġdida, kif ukoll it-tħawwil ta' siġar maturi. B'hekk żona oħra li qabel kienet mitluqa nbidlet fi spazju aħdar attraenti u sostenibbli, filwaqt li Project Green għadha tieħu ħsieb il-manutenzjoni tagħha biex din tibqa' titgawda mill-komunità.

Seduta Numru 33
09/11/2026

MARSASKALA – BBQ AREA FIL-PARK TAL-INWADAR – XOGĦLIJIET

4303. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'xogħlijiet ta' manutenzjoni saru fis-sit tal-BBQ Area fil-Park tal-Inwadar, f'Marsaskala, sa qabel ir-riġenerazzjoni tal-2023? Tista' tgħid ukoll min wettaq dan ix-xogħol?

26/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li, fuq talba tal-Bord tal-Park tal-Inwadar, wettaqna proġett biex pjattaforma tal-konkos, li tifforma parti minn kanal għall-immaniġġjar tal-ilma tax-xita, ġiet trasformata f'żona rikreattiva għall-benefiċċju tal-familji u l-viżitaturi tal-inħawi.

Ix-xogħlijiet kienu jinkludu t-tħejjija taż-żona u t-tisħiħ tal-pjattaforma, l-installazzjoni ta' poġġamani protettivi madwarha, kif ukoll it-tqegħid ta' settijiet tal-BBQ, kontenituri għall-iskart u l-irmied, kif ukoll bankijiet madwar iż-żona.

Permezz ta' dan il-proġett, spazju eżistenti ngħata użu ġdid biex il-pubbliku jkun jista' jgawdi minn aktar faċilitajiet rikreattivi f'ambjent naturali. Project Green qed tkompli tieħu ħsieb it-tindif u l-manutenzjoni kontinwa taż-żona biex din tinżamm fi stat tajjeb għall-użu mill-pubbliku.

Seduta Numru 33
09/11/2026

BUDGET 2027 – SPEJJEŻ FUQ REKLAMAR

4433. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jagħti rendikont totali tal-ispiża ta' reklamar u propoganda li saret mill-Gvern wara d-Diskors tal-Budget 2027, li sar nhar it-Tnejn 26 ta' Ottubru 2026?

27/10/2026

ONOR. ROBERT ABELA: It-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 33
09/11/2026

BUDGET 2027 – SPEJJEŻ FUQ REKLAMAR

4434. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jagħti rendikont totali tal-ispiża ta' reklamar u propoganda li saret mill-Gvern wara d-Diskors tal-Budget 2027, li sar nhar it-Tnejn 26 ta' Ottubru 2026?

27/10/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 33
09/11/2026

IR-RABAT, MALTA - ŻONA TA' KORONJA - WIED IL-QLEJGĦA - INSTALLAZZJONI TA' BOZOZ

4435. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjan jew applikazzjoni biex jiġu installati bozoz mal-bridge li jaqsam fuq Wied il-Qlejgħa (Chadwick Lakes), fiż-żona ta' Koronja, fil-limiti tar-Rabat, Malta?

27/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-Mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 33
09/11/2026

KUNSILLI LOKALI – PLANNING FUND

4436. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 1273 u 3648 u jgħid kemm hemm kunsilli lokali li jużaw il-fondi li għandhom ġewwa l-planning fund allokat għall-kunsill lokali tagħhom?

27/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 33
09/11/2026

MARSASKALA – BAJJA TA' SAN TUMAS – PARKEĠĠ – ĦLAS

4437. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3649, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli, u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 940, minħabba l-fatt li l-parkeġġ fil-Bajja ta' San Tumas, Marsaskala se jkun bla ħlas, jista' l-Ministru jgħid jekk hux ser ikun hemm kumpens għas-sid ta' din l-art?

27/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 33
09/11/2026

ĦAL TARXIEN - ĠNIEN OVINDOLI - TAPPIERI

4438. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3822 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenarazzjoni tal-Port il-Kbir u l-mistoqsija parlamentari 3823 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi u ċjoè: Fid-dawl li t-tappieri fi Ġnien Ovindoli ġewwa Ħal Tarxien fin-naħa ta' Triq Karlu Maratta kantuniera ma' Triq Kalamija ġew magħluqa jew imblukkati, jista' l-Ministru jgħid meta se jittieħdu l-passi meħtieġa biex dawn it-tappieri jitnaddfu sabiex jerġgħu jiffunzjonaw kif suppost?

27/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din il-Mistoqsija Parlamentari għandha tiġi riferuta lill-Ministeru konċernat.

Seduta Numru 33 33
09/11/2026

FINANZJAMENT MOGĦTI LIL NGOS

4460. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3735 u jagħti rendikont tal-finanzjament mogħti lil NGOs fl-aħħar sentejn, maqsum skont l-NGO, l-għan u s-sena?

28/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant Il-Fond tal-Pjan Strateġiku tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) għal Malta (2023–2027) għandu l-għan li jappoġġa l-iżvilupp sostenibbli tas-settur agrikolu kif ukoll l-iżvilupp u t-titjib taż-żoni rurali. Permezz ta' dan il-fond, jingħata appoġġ ukoll lil inizjattivi li jikkontribwixxu għall-preservazzjoni tal-wirt rurali u kulturali, il-ħarsien u t-titjib tal-ambjent naturali, il-konservazzjoni tal-bijodiversità u t-tisħiħ tas-sostenibbiltà ambjentali. Dawn l-inizjattivi jgħinu sabiex jiġu ppreservati u valorizzati r-riżorsi naturali u l-karatteristiċi distintivi taż-żoni rurali, filwaqt li jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli tagħhom. Nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-informazzjoni li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 33
09/11/2026

KOLLABORAZZJONI MA' NGOS

4461. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3736 u jelenka l-NGOs li l-Ministeru qed jikkollabora magħhom u jispeċifika s-servizzi mogħtija minn kull waħda?

28/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-informazzjoni li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 33
09/11/2026

KOLLABORAZZJONI MA' NGOS

4462. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 3737 u telenka l-NGOs li l-Ministeru qed jikkollabora magħhom u tispeċifika s-servizzi mogħtija minn kull waħda?

28/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar minħabba li tirrikjedi ammont ta' żmien biex tinġabar mingħand l-entitajiet kollha li jaqgħu taħt il-Ministeru.

Seduta Numru 33 33
09/11/2026

FINANZJAMENT MOGĦTI LIL NGOS

4463. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 3738 u tagħti rendikont tal-finanzjament mogħti lil NGOs fl-aħħar sentejn, maqsum skont l-NGO, l-għan u s-sena?

28/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar minħabba li tirrikjedi ammont ta' żmien biex tinġabar mingħand l-entitajiet kollha li jaqgħu taħt il-Ministeru.

Seduta Numru 33 33
09/11/2026

PROPRJETAJIET PUBBLIĊI GĦALL-UŻU TA' NGOS

4464. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3739 u jelenka l-proprjetajiet pubbliċi mogħtija għall-użu ta' NGOs taħt ir-responsabbiltà tiegħu, u jispeċifika l-NGO, l-użu u l-kundizzjonijiet ta' kull ftehim?

28/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 33
09/11/2026

FINANZJAMENT MOGĦTI LIL NGOS

4465. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3740 u jagħti rendikont tal-finanzjament mogħti lil NGOs fl-aħħar sentejn, maqsum skont l-NGO, l-għan u s-sena?

28/10/2026

ONOR. OWEN BONNICI: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 33
09/11/2026

ŻIEDA FL-ISTIPENDJI

4466. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk għall-2027 hix prevista żieda fl-istipendji tal-istudenti, u jekk iva, kemm se tammonta din iż-żieda f'Ewro għal kull kategorija ta' stipendju?

28/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Iva, l-istipendji ser jerġgħu jiżdiedu.
Għal darb'oħra, dan il-Gvern ser iżid l-istipendji tal-istudenti, minkejja dak li xxandar mill-Oppożizzjoni fuq il-midja soċjali. Fi żminijiet oħra l-istipendji ġew iffriżati u naqqsu. Aħna, minflok,qed inkomplu nsaħħuhom sena wara sena, għax nemmnu li l-edukazzjoni hija investiment, mhux spiża.
U mhux biss. Għall-ewwel darba, żewġ gruppi ta' studenti li sal-lum qatt ma kienu jirċievu stipendju ser jibdew jirċevuh huma wkoll: l-istudenti fil-qasam marittimu u dawk li qed jistudjaw għal-liċenzja tal-pilota. Ser nagħtu aktar dettalji dwar dan dalwaqt.

Seduta Numru 33
09/11/2026

ŻIEDA FL-ISTIPENDJI

4467. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk għall-2027 l-istudenti li jirċievu l-istipendju humiex se jibbenefikaw ukoll miż-żieda għall-għoli tal-ħajja (COLA), u jekk iva, kemm se tkun tammonta din iż-żieda f'Ewro għal kull kategorija ta' stipendju?

28/10/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nitlob lill-Onor. interpellant jirreferi għar-risposta ta' mistoqsija parlamentari numru 4466.

Seduta Numru 33
09/11/2026

ROTTA 62

4468. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il darba r-rotta 62 naqset milli tgħaddi skont l-iskeda uffiċjali tagħha matul l-aħħar tnax-il xahar, u kemm kien id-dewmien medju rreġistrat għal din ir-rotta matul l-istess perjodu?

28/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninform lill-Onor. Ineterpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 33
09/11/2026

ROTTA 62 – DEWMIEN FREKWENTI U NUQQAS TA' REGOLARITÀ FIS-SERVIZZ

4469. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jispjega għaliex ir-rotta 62, li sservi lill-komunità tas-Siġġiewi, qed tesperjenza dewmien frekwenti u nuqqas ta' regolarità fis-servizz, b'mod partikolari fi Triq Dun Manwel Zammit?

28/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant li Transport Malta qed twettaq monitoraġġ fl-inħawi tat-triq imsemmija biex tivverifika din l-osservazzjoni, u fejn meħtieġ, tieħu azzjoni korrettiva, jekk dan jirriżulta li huwa minnu.

Seduta Numru 33
09/11/2026

SKEMA 'IXTRI PROPRJETÀ SOSTENIBBLI'

4496. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm persuni applikaw għall-iskema 'Ixtri Proprjetà Sostenibbli' sa issa?

28/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma l-Onor. Interpellant illi l-ammont ta' persuni li applikaw għall-iskema 'Ixtri Propjeta Sostenibbli' sa issa huma kif ġejjin:-
Applikazzjonijiet li rċiviet l-Awtorita': 293
Applikazzjonijiet approvati sa issa mill-Awtorita': 108

Seduta Numru 33
09/11/2026

GĦAWDEX – TKABBIR TAL-PRODUZZJONI TA' NEW WATER

4534. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-proġett għat-tkabbir tal-produzzjoni ta' New Water fl-impjant tat-trattament tad-drenaġġ f'Ras il-Ħobż, f'Għawdex li kellu jlaħħaq investiment ta' madwar €25 miljun? Kemm hi l-kapaċità ta' produzzjoni ta' dan l-impjant bħalissa u b'kemm ser tiżdied il-produzzjoni ladarba dan il-proġett jitlesta? Jista' jgħid ukoll meta hi d-data maħsuba għat-tlestija u jara li kull bidwi u raħħal ġenwin jew kull bidwi u raħħal żagħżugħ ikun provdut l-ammont ta' New Water neċessarju biex isaqqi r-raba' tiegħu?

28/10/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru konċernat.

Seduta Numru 33
09/11/2026

INTERCONNECTOR – MAXIMUM LOAD

4535. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien il-maximum load f'mega watts fuq l-interconnector minn Jannar 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

28/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 33
09/11/2026

CABLES TA' 11KV / 33KV – SPEĊIFIKAZZJONIJIET

4536. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk is-70 kilometru ta' 11KV / 33KV cables humiex armoured u jekk le, għaliex mhumiex? Tista' tgħid ukoll jekk dawn il-cables humiex magħmulin minn aluminium jew minn copper, fejn ġew immanifatturati u tqiegħed kopja fuq il-Mejda tal-Kamra tal-ispeċifikazzjonijiet ta' dawn il-cables? Kemm ġew jiswew u kemm inqalgħu ħsarat fuq dawn il-cables minn meta tpoġġew?

28/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-cables ta' 11kV u 33kV li jintużaw mill-Enemalta jissodisfaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u r-rekwiżiti meħtieġa għan-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku. L-għażla tat-tip ta' cable ssir skont il-livell ta' vultaġġ, l-użu speċifiku u l-ħtiġijiet tekniċi tal-infrastruttura fejn ikun ser jiġi installat
Fost il-cables użati hemm cables triplex XLPE mhux armoured, kif ukoll cables three-core armoured. Il-cables triplex għandhom protezzjoni permezz ta' żewġ saffi ta' MDPE, inner u outer sheath, maħsuba wkoll sabiex jipproteġu l-cable waqt it-tqegħid tiegħu. Il-cables three-core armoured jintużaw ukoll skont ir-rekwiżiti tekniċi applikabbli. Intużaw kemm cables b'conductors tal-aluminju kif ukoll oħrajn b'conductors tar-ram (copper). Għaldaqstant, il-fatt li cable partikolari ma jkunx armoured ma jfissirx li jkun ta' standard jew livell ta' protezzjoni inferjuri. L-iżvilupp fit-teknoloġija tal-cables, fosthom l-użu ta' XLPE u MDPE, jipprovdi l-protezzjoni meħtieġa skont id-disinn u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-cable.
Sal-lum ma kienu reġistrati ebda ħsarat naturali attribwibbli għall-cables infushom minn meta ġew installati. Il-cables jiġu akkwistati permezz tal-proċessi ta' xiri applikabbli fuq il-bażi tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti mill-Enemalta.

Seduta Numru 33 33
09/11/2026

CABLES TA' 11KV / 33KV – SPEĊIFIKAZZJONIJIET

4537. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk is-70 kilometru ta' 11KV / 33KV cables humiex armoured u jekk le, għaliex ma humiex? Tista'tgħid ukoll fejn ġew manifatturati u tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-ispeċifikazzjonijiet? Kemm ġew jiswew u kemm inqalgħu ħsarat fuq dawn il-cables minn meta tpoġġew?

28/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba għall-mistoqsija identika li għamel qabel din bin-numru 4536.

Seduta Numru 33 33
09/11/2026

QTUGĦ TAD-DAWL – PJANIJIET

4538. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokumenti relattivi tal-pjanijiet kollha biex il-qtugħ tad-dawl li sofra l-poplu Malti u Għawdxi ma jerġax jirrepeti ruħu?

28/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li Enemalta qiegħda tkompli twettaq u tavvanza xogħlijiet estensivi ta' tisħiħ tan-network tal-elettriku f'Malta u Għawdex, bil-għan li tkompli żżid il-kapaċità u r-reżiljenza tas-sistema.
Matul din is-sena ġew kummissjonati ċ-Ċentri ta' Distribuzzjoni tan-Naxxar, tas-Siġġiewi u tal-Imsida, b'investiment ta' madwar €40 miljun, li komplew isaħħu l-kapaċità, il-flessibbiltà u r-reżiljenza tan-network tad-distribuzzjoni.
Dawn l-investimenti jiffurmaw parti mill-Pjan ta' Disa' Snin tal-Enemalta, imniedi f'Jannar 2026, li jistabbilixxi programm fit-tul għat-tisħiħ u l-espansjoni tal-infrastruttura tal-elettriku f'Malta u Għawdex. Il-pjan jinkludi 15-il Ċentru ta' Distribuzzjoni ġdid, konnessjoni ġdida ta' 132kV bejn Malta u Għawdex, kif ukoll aktar tisħiħ tan-network u titjib fl-infrastruttura eżistenti.
Fl-aħħar ġimgħat, Enemalta ħabbret sensiela ta' investimenti ġodda f'Għawdex. Fost dawn, tnieda l-proċess għall-manifattura u l-installazzjoni ta' żewġ cables ġodda ta' 33kV taħt il-baħar bejn Malta u Għawdex, filwaqt li qed jiġu avvanzati l-preparamenti għal konnessjoni ġdida ta' 132kV bejn iż-żewġ gżejjer u żewġ Ċentri ta' Distribuzzjoni ġodda f'Għawdex. Enemalta ħarġet ukoll żewġ sejħiet għall-offerti b'valur totali ta' kważi €11-il miljun għax-xiri u t-tqegħid ta' cables ġodda ta' 33kV f'Għawdex, bħala parti mit-tisħiħ ulterjuri tan-network fil-gżira Għawdxija.

Seduta Numru 33
09/11/2026

BIRŻEBBUĠA U Ż-ŻURRIEQ – NEW WATER

4539. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid liema żoni f'Birżebbuġa u ż-Żurrieq ingħaqdu mas-sistema tan-New Water u fiex waslu x-xogħlijiet relatati sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Tista' tgħid ukoll kemm hemm bdiewa f'dawn il-lokalitajiet li bħalissa qed igawdu mill-provvista tan-New Water?

28/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li x-xogħljiet ta' tqegħid ta' mejnijiet li se jwasslu n-New Water fil-Lbiċ ta' Malta jinsab fi stat avvanzat b'iktar minn 90% huma lesti. Għaddejjin ukoll xogħlijiet tar-rinovazzjoni tal-ġibjuni, konnessjonijiet ma' ġibjuni u installazzjoni ta' pompi (Ħabel Abjad, Ħal Għaxaq, Ħlantun) kif ukoll xogħlijiet ta' tkabbir tal-impjant tal-produzzjoni. Ix-xogħlijiet tal-installazzjoni ta' dispensers u l-konnessjoni tagħhom ma' networks tal-elettriku u konnettività, għadhom jinbdew kmieni s-sena d-dieħla u jitlestew żona żona.
Fir-rigward tal-bdiewa ta' Birżebbuġa, infurmata li bħalissa n-network imiss f'partijiet żgħar mil-lokalità u tħalliet il-possibilità li jsiru estensjonijiet f'żoni agrikoli oħrajn. Barra minn hekk, sakemm jitlesta l-proġett, kull bidwi miż-żona li qed issir referenza għaliha f'din il-mistoqsija jista' jagħmel użu minn dispensers eżistenti fin-Nofsinhar ta' Malta.

Seduta Numru 33
09/11/2026

L-ISPTAR MATER DEI – ĦADDIEMA – KUNDIZZJONIJIET GĦALL-PARKEĠĠ

4577. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3953 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2763, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk il-ħaddiema tal-Gvern fl-Isptar Mater Dei għandhomx kundizzjonijiet differenti mill-ħaddiema tal-kuntrattur fir-rigward tal-parkeġġ tal-vetturi tagħhom waqt il-ħin tax-xogħol? Jekk iva, jista' jgħid x'inhuma dawn il-kundizzjonijiet?

29/10/2026

ONOR. IAN BORG: Ninsab infurmat li l-obbligi kuntrattwali dwar il-parkeġġ tal-ħaddiema tal-kuntratturi jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-kuntratturi rispettivi u mhux tal-amministrazzjoni tal-Isptar Mater Dei.

Seduta Numru 33
09/11/2026

IR-RABAT, MALTA – TRIQ ĠORĠ BORG OLIVIER

4578. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 2764 u 3954 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2024, jista' l-Ministru jagħti update ta' x'sar f'dawn l-aħħar tliet xhur fir-rigward ta' Triq Ġorġ Borg Olivier, ir-Rabat, Malta, fid-dawl li dalwaqt se jerġgħu jibdew l-iskejjel u ser jiżdied iktar l-użu ta' din it-triq u magħha jiżdiedu l-inkonvenjenzi, ħsarat lir-residenti u perikli?

29/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed jiġu diskussi numru ta' proposti f'laqgħat li qed isiru mal-Kunsill Lokali tar-Rabat.

Seduta Numru 33
09/11/2026

MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IT-TEKNOLOĠIJA U PROĠETTI STRATEĠIĊI – KONTINĠENT GĦALL-LAQGĦAT F'NEW YORK

4742. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 2973, 3307, 3501 u 4179 u jgħid kemm kien jikkonsisti f'persuni l-kontinġent li akkumpanjah jew li ntbagħat mill-Ministeru tiegħu għall-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u/jew laqgħat oħra fi New York f'Settembru 2026? Jista' jipprovdi lista tal-persuni kollha li ffurmaw parti minn dan il-kontinġent, filwaqt li jindika l-kariga u r-rwol ta' kull persuna? Jista' jgħid ukoll kemm kienet l-ispiża totali relatata ma' dan il-kontinġent, kemm dik imħallsa kif ukoll dik li għadha dovuta, b'rendikont separat tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni, it-trasport u spejjeż oħra?

02/11/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 33
09/11/2026

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA – KONTINĠENT GĦALL-LAQGĦAT F'NEW YORK

4743. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 2972, 3306, 3500 u 4178 u jgħid kemm kien jikkonsisti f'persuni l-kontinġent li akkumpanjah jew li ntbagħat mill-Ministeru tiegħu għall-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u/jew laqgħat oħra fi New York f'Settembru 2026? Jista' jipprovdi lista tal-persuni kollha li ffurmaw parti minn dan il-kontinġent, filwaqt li jindika l-kariga u r-rwol ta' kull persuna? Jista' jgħid ukoll kemm kienet l-ispiża totali relatata ma' dan il-kontinġent, kemm dik imħallsa kif ukoll dik li għadha dovuta, b'rendikont separat tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni, it-trasport u spejjeż oħra?

02/11/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 33
09/11/2026

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ – KONTINĠENT GĦALL-LAQGĦAT F'NEW YORK

4744. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 2971, 3305, 3499 u 4177 u jgħid kemm kien jikkonsisti f'persuni l-kontinġent li akkumpanjah jew li ntbagħat mill-Ministeru tiegħu għall-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u/jew laqgħat oħra fi New York f'Settembru 2026? Jista' jipprovdi lista tal-persuni kollha li ffurmaw parti minn dan il-kontinġent, filwaqt li jindika l-kariga u r-rwol ta' kull persuna? Jista' jgħid ukoll kemm kienet l-ispiża totali relatata ma' dan il-kontinġent, kemm dik imħallsa kif ukoll dik li għadha dovuta, b'rendikont separat tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni, it-trasport u spejjeż oħra?

02/11/2026

ONOR. CHRIS FEARNE: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 33
09/11/2026

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – KONTINĠENT GĦALL-LAQGĦAT F'NEW YORK

4745. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 2970, 3304, 3498 u 4176 u jgħid f'kemm persuni kien jikkonsisti l-kontinġent li akkumpanjah jew li ntbagħat mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru għall-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u/jew laqgħat oħra fi New York f'Settembru 2026? Jista' jipprovdi lista tal-persuni kollha li ffurmaw parti minn dan il-kontinġent, filwaqt li jindika l-kariga u r-rwol ta' kull persuna? Jista' jgħid ukoll kemm kienet l-ispiża totali relatata ma' dan il-kontinġent, kemm dik imħallsa kif ukoll dik li għadha dovuta, b'rendikont separat tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni, it-trasport u spejjeż oħra?

02/11/2026

ONOR. ROBERT ABELA: It-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 33
09/11/2026

KONTINĠENT MALTI F'NEW YORK – SETTEMBRU 2026

4746. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 2969, 3303, 3497 u 4175 u jgħid f'kemm persuni kien jikkonsisti l-kontinġent Malti li attenda għall-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u/jew laqgħat oħra fi New York f'Settembru 2026? Jista' jipprovdi lista tal-persuni kollha li ffurmaw parti minn dan il-kontinġent, filwaqt li jindika l-kariga, ir-rwol u l-ministeru jew l-entità li kull persuna kienet qed tirrappreżenta jew li ġew ingaġġati minnha? Jista' jgħid ukoll kemm kienet l-ispiża totali ta' din iż-żjara, kemm dik imħallsa kif ukoll dik li għadha dovuta, b'rendikont separat tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni, it-trasport u spejjeż oħra?

02/11/2026

ONOR. CHRIS FEARNE: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 33
09/11/2026

KONTINĠENT MALTI F'NEW YORK – SETTEMBRU 2026

4747. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 2968, 3302, 3496 u 4174 u jgħid f'kemm persuni kien jikkonsisti l-kontinġent Malti li attenda għall-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u/jew laqgħat oħra fi New York f'Settembru 2026? Jista' jipprovdi lista tal-persuni kollha li ffurmaw parti minn dan il-kontinġent, filwaqt li jindika l-kariga, ir-rwol u l-ministeru jew l-entità li kull persuna kienet qed tirrappreżenta jew li ġew ingaġġati minnha? Jista' jgħid ukoll kemm kienet l-ispiża totali ta' din iż-żjara, kemm dik imħallsa kif ukoll dik li għadha dovuta, b'rendikont separat tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni, it-trasport u spejjeż oħra?

02/11/2026

ONOR. ROBERT ABELA: It-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 33
09/11/2026

PENSJONANTI – RATA TAL-BONUS GĦALL-GĦOLI TAL-ĦAJJA

4758. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Fid-dawl li fid-diskors tal-Baġit għas-sena 2027, il-Ministru għall-Finanzi ħabbar li matul is-sena 2027, kull pensjonant ser jirċievi l-istess rata ta' bonus għall-għoli tal-ħajja, liema rata ser tkun waħda fissa ta' €21.53 fil-ġimgħa, jista' l-Ministru jgħid b'liema rata ser ikunu qed jitħallsu dawk il-pensjonanti li illum għandhom aktar minn €21.53 fil-ġimgħa?

02/11/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma hemm ebda rata ta' Bonus għall-Għoli tal-Ħajja li teċċedi l-€21.53 fil-ġimgħa.

Ta' min jgħid li mill-2025 'l hawn, iż-żieda kollha li titħabbar fil-Budget għall-pensjonanti qed tmur kollha kemm hi fir-rata tal-pensjoni, kontra kif kien isir qabel fejn terz tal-COLA ma kinitx tmur fir-rata tal-pensjoni imma fil-Bonus għall-Għoli tal-Ħajja.

Seduta Numru 33 33
09/11/2026

PENSJONANTI LI JIBQGĦU JAĦDMU WAQT LI JIRĊIEVU L-PENSJONI

4759. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-pożizzjoni tal-Gvern dwar pensjonanti li jkunu għalqu l-età ta' 61 sena u li huma eliġibbli għall-pensjoni? Jista' jgħid ukoll jekk jaqbilx li dawn il-persuni jibqgħu jaħdmu u jirċievu l-pensjoni? Jekk ma jaqbilx, jista' jispjega r-raġunijiet għal dan?

02/11/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-aħħar tas-sena 2025 il-Bank Ċentrali ta' Malta ppublika studju bit-titlu "DID THE EARLY PENSION DEFERRAL SCHEME LENGTHEN CAREERS IN MALTA?"

L-aspetti pożittivi li ħarġu minn dan l-istudju jagħtu raġunijiet u risposti ċari għall-mistoqsija tal-Onor. Interpellant.

Qiegħed nikkwota l-Abstract tar-rapport għall-benefiċċju tal-Onor. Interpellant:
https://www.centralbankmalta.org/policy-notes

Inżid ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-parir li għandu l-Gvern mill-Grupp ta' Strateġija tal-Pensjonijiet huwa li ma jaqbilx li jiddaħħlu miżuri li jxekklu l-progress li nkiseb matul l-aħħar 10 snin fir-rigward.

Seduta Numru 33
09/11/2026

PERSUNI LI JAGĦŻLU LI JIBQGĦU JAĦDMU WARA LI JAGĦLQU 61 SENA – BONUS TA' €500

4760. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid għaliex il-bonus ta' €500, li jingħata lil persuni li jagħlqu 61 sena iżda jagħżlu li jibqgħu jaħdmu, ma ġiex inkluż fil-Baġit għas-sena 2027?

02/11/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ninforma lill-Onor. Interpellant, li il-Manifest Elettorali 'Int Malta', bħal kull manifest elettorali, jirrapreżenta il-viżjoni strateġika tal-Gvern għall-leġislatura sħiħa. Sakemm ma jkunx ġie espliċitament imwiegħed li tali miżura tkun se tibda f'sena partikolari, dak imwiegħed jiddaħħal bi pjan skont il-prioritajiet kif jevolvu tul il-leġislatura.

Kif ġara fil-leġislaturi passati, inserraħ ras l-Onor. Interpellant li l-wegħdi kollha mħabbra fil-Manifest Elettorali 'Int Malta' se jitwettqu tul il-leġislatura.

Seduta Numru 33
09/11/2026

ANZJANI LI GĦALQU L-61 SENA U HUMA ELIĠIBBLI GĦALL-PENSJONI

4761. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa preżentement in-numru ta' anzjani li għalqu l-61 sena u huma eliġibbli għall-pensjoni?

02/11/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellant, li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 33
09/11/2026

ANZJANI LI GĦALQU L-61 SENA U HUMA ELIĠIBBLI GĦALL-PENSJONI LI GĦAŻLU LI JAĦDMU MINGĦAJR MA JIRĊIEVU PENSJONI

4762. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm mill-anzjani li għalqu l-61 sena u huma eliġibbli għall-pensjoni għażlu li jaħdmu mingħajr ma jirċievu pensjoni?

02/11/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-aħħar tas-sena 2025 il-Bank Ċentrali ta' Malta ppublika studju bit-titlu "DID THE EARLY PENSION DEFERRAL SCHEME LENGTHEN CAREERS IN MALTA?" https://www.centralbankmalta.org/policy-notes

Mill-istudju joħroġ illi bejn is-snin 2016 u 2024, kważi 7,900 persuna bbenefikaw mid-disposizzjonijiet tad-differiment tal-pensjoni u allura għażlu li jibqgħu jaħdmu flok jieħdu l-pensjoni. Dan in-numru kompla jiżdied matul l-2025 u l-2026.

Seduta Numru 33 33
09/11/2026

ANZJANI LI GĦALQU L-61 SENA U HUMA ELIĠIBBLI GĦALL-PENSJONI LI QED JIRĊIEVU PENSJONI

4763. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm mill-anzjani li għalqu l-61 sena u huma eliġibbli għall-pensjoni qed jirċievu pensjoni?

02/11/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-aħħar tas-sena 2025 il-Bank Ċentrali ta' Malta ppublika studju bit-titlu "DID THE EARLY PENSION DEFERRAL SCHEME LENGTHEN CAREERS IN MALTA?"

Inżid ninforma illi skont id-disposizzjonijiet tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap 318) u Avviżi Legali relatati, persuni li jkollhom l-ammont stipulat ta' kontribuzjonijiet fl-età ta' 61 sena jistgħu jibqgħu jaħdmu, mingħajr ma' jitolbu li jirċievu pensjoni kontributorja u ta' dan il-pensjoni li jkollhom dritt għaliha tiżdied b'persentaġġ kull sena sakemm fl-eta ta' 65 sena tista' tiżdiedilhom b'29%.

Fil-fatt mill-istudju joħroġ biċ-ċar illi l-persuni li għażlu li jitolbu pensjoni kontributorja fl-eta ta' 61 qiegħed dejjem jonqos, minn 1,254 fis-sena 2016 għal 864 fis-sena 2024.

Seduta Numru 33
09/11/2026

ROTTA NUMRU 106 – FREKWENZA

4764. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid b'liema frekwenza tgħaddi l-karozza tal-linja bin-numru 106 minn Ħal Lija, Ħal Balzan u Birkirkara fid-direzzjoni lejn l-Isptar Mater Dei u l-Università ta' Malta? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx il-pjan li din il-frekwenza tiżdied?

02/11/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-rotta 106 topera bi frekwenza ta' kull siegħa.

Seduta Numru 33
09/11/2026

SISTEMA SHORE-TO-SHIP – BASTIMENTI LI KKONNETJAW

4765. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm mill-bastimenti li daħlu fil-port ikkonnetjaw mas-sistema Shore-to-Ship, minn kemm ilha li bdiet topera din is-sistema?

02/11/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn Lulju 2024 sal-bidu ta' Novembru 2026 kien hemm 174 bastiment tal-passiġġieri (cruise liner) li tqabbdu mal-infrastruttura tal-provvista tal-elettriku shore-to-ship.

Seduta Numru 33
09/11/2026

SISTEMA SHORE-TO-SHIP – BASTIMENTI LI MA SETGĦUX JIKKONNETJAW

4766. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm mill-bastimenti li daħlu fil-port ma setgħux jikkonnetjaw għal xi raġuni jew oħra mas-sistema Shore-to-Ship?

02/11/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn Lulju 2024 sal-bidu ta' Novembru 2026 kien hemm 8% tal-bastimenti kolla tal-passiġġieri li daħlu fil-Port il-Kbir, li għal xi raġuni jew oħra ma setgħux jitqabbdu mal-infrastruttura tal-provvista tal-elettriku shore-to-ship.

Il-konnessjoni tiddependi minn diversi kunsiderazzjonijiet, fosthom it-tagħmir meħtieġ mill-bastimenti. Ta' min jirrimarka wkoll li l-awtoritajiet konċernati jibqgħu impenjati li jinkoraġixxu l-użu tax-shore-to-ship, iktar u iktar minħabba l-fatt li dan se jkun mandatorju fl-2030.

Seduta Numru 33
09/11/2026

L-GĦADIRA – CARAVANS – KUNDIZZJONIJIET TAL-KERA

4767. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kundizzjonijiet tal-kera li għandhom il-caravans li hemm fl-Għadira, għal kemm żmien huma mikrija u kemm titħallas kera?

02/11/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lil Onor. Interpellant li l-kirjiet tal-caravans li jinsabu fl-Għadira huma regolati permezz ta skema amministrata mill-Awtorità tal-artijiet. B'din l-iskema l-kirjiet jingħataw għall-perjodu ta 5 snin, b kera annwali ta Euro500 fejn l-aħħar li ġew mġedda huwa proprju fl-2025. Bħala kundizzjonijiet tal-kirja hemm li l-kerrej għandu jżomm l-istruttura fi stat tajjeb ta manutenzjoni, filwaqt li mhuwiex permess li l-istruttura tiġi sullokata jew li d-drittijiet tal-kirja jiġu trasferiti lil terzi. Il-kerrejja kollha jridu jobdu u jimxu mar-regolamenti u l-kundizzjonijiet kollha li jinħarġu minn żmien għal żmien mill-Assoċjazzjoni tas-Sidien tal-Caravans u Bungalows tal-Għadira. L-kirja tista tiġġedded għal perjodu ta 5 snin, suġġett għall-approvazzjoni tal-Awtorità tal-Artijiet u għall-kundizzjonijiet applikabbli.

Seduta Numru 33
09/11/2026

IL-BELT VALLETTA – PJAN GĦAT-TISWIJA TAL-BANKINI

4768. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx xi pjan għat-tiswija tal-bankini fil-Belt Valletta?

02/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 33
09/11/2026

IL-BELT VALLETTA – PJAN GĦAT-TISWIJA TAL-BANKINI

4769. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx xi pjan għat-tiswija tal-bankini fil-Belt Valletta?

02/11/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta qed jieħu ħsieb dan l-aspett permezz ta' pjan ta' tibdil ta' bankini li jista' jinvolvi fondi minn aġenziji oħrajn.

Seduta Numru 33
09/11/2026

IL-ĦAMRUN – TOROQ – XOGĦLIJIET

4891. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid liema huma dawk it-toroq li fuqhom se ssir tiswija jew isiru mill-ġdid fil-lokalità tal-Ħamrun? Jista' jgħid ukoll liema huma dawk it-toroq li bħalissa diġà għaddej ix-xogħol fuqhom?

03/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 33
09/11/2026

ID-DIPARTIMENT TAL-ARTIJIET – AVVIŻI TA' INFURZAR FIL-GŻIRA

4901. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3881 u 4386 li oriġinarjament saru lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet u jgħid kemm inħarġu avviżi ta' infurzar mid-Dipartiment tal-Artijiet fil-Gżira mill-1 ta' Jannar 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, u għal kull avviż, jagħti d-data ta' meta nħareġ u n-natura tal-ksur jew il-kwistjoni li tkun qed tiġi indirizzata?

03/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 33
09/11/2026

ID-DIPARTIMENT TAL-ARTIJIET – AVVIŻI TA' INFURZAR F'SAN ĠILJAN

4902. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3880 u 4387 li oriġinarjament saru lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet u jgħid kemm inħarġu avviżi ta' infurzar mid-Dipartiment tal-Artijiet f'San Ġiljan mill-1 ta' Jannar 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, u għal kull avviż, jagħti d-data ta' meta nħareġ u n-natura tal-ksur jew il-kwistjoni li tkun qed tiġi indirizzata?

03/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 33
09/11/2026

ID-DIPARTIMENT TAL-ARTIJIET – AVVIŻI TA' INFURZAR F'TAS-SLIEMA

4903. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3879 u 4388 li oriġinarjament saru lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet u jgħid kemm inħarġu avviżi ta' infurzar mid-Dipartiment tal-Artijiet f'Tas-Sliema mill-1 ta' Jannar 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, u għal kull avviż, jagħti d-data ta' meta nħareġ u n-natura tal-ksur jew il-kwistjoni li tkun qed tiġi indirizzata?

03/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 33
09/11/2026

ID-DIPARTIMENT TAL-ARTIJIET – RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-OMBUDSMAN – IMPLIMENTAZZJONI

4904. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3882 u 4455 u jgħid meta ser jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman dwar iż-żjarat fuq il-post minn uffiċjali tad-Dipartiment tal-Artijiet sabiex jiġu mmarkati b'mod ċar il-konfini tal-art okkupata illegalment u jispjega għaliex dawn ir-rakkomandazzjonijiet għadhom ma ġewx implimentati?

03/11/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant,

1. Illi l-uffiċjali tal-Awtorità tal-Artijiet jagħmlu spezzjonijiet regolari fiż-żoni kollha fejn hemm "encroachment concessions" relatati ma' mwejjed u siġġijiet ta' stabbilimenti tal-ikel.
2. Meta jkun hekk jeħtieġ, li l-uffiċjali tal-Awtorità tal-Artijiet jitolbu l-assistenza ta' uffiċjali oħrajn minn awtoritajiet illi għandhom ukoll ġurisdizzjoni fuq din il-materja, bħal Transport Malta, Malta Tourism Authority, Planning Authority u anke l-Pulizija. Dan kollu fi sforz kordinat ħalli dak li jkun jara preżenza ta' kull min għandu l-obbligu li jinforza l-ligijiet, u jifhem illi l-abbuż huwa ħażin. F'dawn l-okkażjonijiet, l-uffiċjali kollha jkunu murija bi pjanti li jindikaw ċar il-konfini approvati minn kulħadd. Fejn jinstabu każijiet ta' abbużi, l-operaturi jiġu avżati sabiex jottemperaw ruħhom mal-konfini kif approvati fil-permessi u l-konċessjonijiet.
3. Rigward il-kwistjoni tal-immarkar tal-konfini, joħrog ċar mill-policies approvati li jgħoddu għal kulħadd, illi dawn għandhom isiru mill-awtoritajiet regolatorji de quo.
4. Finalment, irid jiġi spjegat li l-Awtorità tal-Artijiet, kuntrarju għal awtoritajiet oħra, ma timponix avviżi ta' infurzar, iżda tista' toħroġ notifiċi ta' żgumbrar minn art pubblika tramite ordnijiet ġudizzjarji skont il-provvedimenti tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta.

Seduta Numru 33
09/11/2026

TAS-SLIEMA – ENCROACHMENTS U OKKUPAZZJONI ILLEGALI TA' ART PUBBLIKA – MULTI

4905. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3883 u 4456 u jgħid x'inhu l-ammont ta' multi imposti jew mitluba f'każijiet ta' "encroachments" jew okkupazzjoni illegali ta' art pubblika f'Tas-Sliema? Jista' wkoll jindika jekk dawn il-multi humiex qed jitħallsu fil-ħin u jekk il-ħlasijiet kollha dovuti humiex aġġornati? Jista' jipprovdi, f'tabella, id-dettalji ta' kull każ inkluż l-ammont tal-multa imposta, l-ammont miġbur s'issa, l-ammont pendenti u, fejn applikabbli, l-azzjonijiet meħuda biex jinġabru l-ammonti dovuti?

03/11/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Nirreferi lill-Onor Interpellant għat-tweġiba li ngħatat għall-Mistoqsija Parlamentari 4904.

Seduta Numru 33
09/11/2026

SAN ĠILJAN – ENCROACHMENTS U OKKUPAZZJONI ILLEGALI TA' ART PUBBLIKA – MULTI

4906. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3884 u 4457 u jgħid x'inhu l-ammont ta' multi imposti jew mitluba f'każijiet ta' "encroachments" jew okkupazzjoni illegali ta' art pubblika f'San Ġiljan? Jista' wkoll jindika jekk dawn il-multi humiex qed jitħallsu fil-ħin u jekk il-ħlasijiet kollha dovuti humiex aġġornati? Jista' jipprovdi, f'tabella, id-dettalji ta' kull każ inkluż l-ammont tal-multa imposta, l-ammont miġbur s'issa, l-ammont pendenti u, fejn applikabbli, l-azzjonijiet meħuda biex jinġabru l-ammonti dovuti?

03/11/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Nirreferi lill-Onor Interpellant għat-tweġiba li ngħatat għall-Mistoqsija Parlamentari 4904.

Seduta Numru 33 33
09/11/2026

JOBSPLUS - PROGRAMMI TAL-YOUTH GUARANTEE U TRAINING FOR EMPLOYMENT

4911. L-ONOR. ANNABELLE CILIA staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4416 u jgħid jekk il-figura ta' aktar minn 15,000 persuna li, skont l-istqarrija tas-7 ta' Ottubru 2026, ibbenefikaw mill-programmi Youth Guarantee u Training for Employment ta' Jobsplus, tirrappreżentax persuni uniċi jew tinkludix persuni li pparteċipaw aktar minn darba fl-istess programm, f'korsijiet differenti jew fiż-żewġ programmi? Jista' wkoll jipprovdi n-numru totali ta' persuni uniċi u n-numru totali ta' parteċipazzjonijiet irreġistrati sat-30 ta' Settembru 2026?

03/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-rapporti annwali li diġà tqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 33
09/11/2026

JOBSPLUS - PROGRAMMI TAL-YOUTH GUARANTEE U TRAINING FOR EMPLOYMENT

4912. L-ONOR. ANNABELLE CILIA staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4561 u ċjoè: B'referenza għall-programmi Youth Guarantee u Training for Employment ta' Jobsplus, jista' l-Ministru jipprovdi separatament għal kull programm u għal kull sena mill-bidu tiegħu sat-30 ta' Settembru 2026, l-istatus tal-parteċipanti qabel ma bdew il-programm, billi jindika:
a. kemm kienu qiegħda u jirreġistraw ma' Jobsplus;
b. kemm ma kinux qed jaħdmu, jistudjaw jew jitħarrġu (NEETs);
ċ. kemm kienu diġà impjegati; u
d. kemm kienu qed ifittxu li jtejbu l-ħiliet jew il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom?
Jista' jgħid ukoll fejn id-data mitluba ma tinżammx jew ma tkunx disponibbli, jindika dan espliċitament?

03/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 33
09/11/2026

JOBSPLUS - PROGRAMMI TAL-YOUTH GUARANTEE U TRAINING FOR EMPLOYMENT

4913. L-ONOR. ANNABELLE CILIA staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4562 u ċjoè: B'referenza għall-istqarrija ppubblikata fis-7 ta' Ottubru 2026, li fiha ġie ddikjarat li aktar minn 15,000 persuna bbenefikaw mill-programmi Youth Guarantee u Training for Employment ta' Jobsplus, jista' l-Ministru jgħid jekk din il-figura tirreferix għal persuni li sempliċiment bdew jew ipparteċipaw f'kors, għal persuni li temmew it-taħriġ, jew għal persuni li kisbu riżultat konkret fl-impjieg? Jista' jipprovdi ċ-ċifri eżatti separatament għal kull waħda minn dawn it-tliet kategoriji, għal kull programm u għal kull sena mill-bidu tiegħu sat-30 ta' Settembru 2026? Jista' jgħid ukoll fejn id-data mitluba ma tinżammx jew ma tkunx disponibbli, jindika dan espliċitament?

03/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-rapporti annwali li diġà tqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 33
09/11/2026

PERMESSI TA' RESIDENZA – APPLIKAZZJONIJIET SOTTOMESSI

4914. L-ONOR. ANNABELLE CILIA staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 2944 u 4563 u jgħid kemm ġew sottomessi applikazzjonijiet għal permess ta' residenza minn ċittadini ta' pajjiżi terzi lill-Aġenzija Identità, matul is-snin 2024, 2025 u 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

03/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 33
09/11/2026

PERMESSI TA' RESIDENZA – APPLIKAZZJONIJIET GĦAL TIĠDID U APPLIKAZZJONIJIET ĠODDA

4915. L-ONOR. ANNABELLE CILIA staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 2945 u 4564 u ċjoè: B'referenza għall-applikazzjonijiet għal permess ta' residenza sottomessi lill-Aġenzija Identità matul is-snin 2024, 2025 u 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, jista' l-Ministru jgħid kemm minn dawn l-applikazzjonijiet kienu għat-tiġdid ta' permessi eżistenti, u kemm kienu applikazzjonijiet ġodda sottomessi għall-ewwel darba?

03/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 33
09/11/2026

PERMESSI TA' RESIDENZA – APPLIKAZZJONIJIET – TQASSIM SKONT IL-KATEGORIJA

4916. L-ONOR. ANNABELLE CILIA staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 2946 u 4565 u jagħti rendikont globali tal-applikazzjonijiet għal permess ta' residenza sottomessi lill-Aġenzija Identità matul is-snin 2024, 2025 u 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, u jaqsam din l-informazzjoni skont il-kategorija tal-applikazzjoni u skont in-natura tal-applikazzjoni, pereżempju:

i. il-Permess Uniku (Single Permit);
ii. ir-riunifikazzjoni tal-familja u l-membri tal-familja;
iii. l-istudju;
iv. l-istatus ta' resident fit-tul;
v. il-Karta Blu tal-UE;
vi. il-Key Employee Initiative;
vii. in-Nomad Residence Permit; u
viii. kategoriji oħra?
Jista' wkoll jagħti rendikont ta' din iċ-ċifra billi jgħid kemm miċ-ċifra globali kienu applikazzjonijiet għal tiġdid u kemm kienu applikazzjonijiet ġodda li ġew sottomessi għall-ewwel darba?

03/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 33
09/11/2026

RAPPORTI TA' VJOLENZA DOMESTIKA – VITTMI

4917. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 4048 u 4385 u jgħid kemm-il darba, fl-aħħar ħames snin, persuni li rrapportaw vjolenza domestika sfaw vittmi ta' aggressjoni serja jew saħansitra omiċidju wara li kienu diġà talbu l-protezzjoni tal-Pulizija?

03/11/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninsab infurmat illi fl-aħħar ħames snin, jiġifieri mis-sena 2022 sas-26 ta' Ottubru 2026, ġew identifikati sittin (60) persuna li kienu talbu l-intervent tal-Pulizija qabel ma sfaw vittmi ta' aggressjoni gravi. Is-sittin vittma identifikati kienu diġà rrikorrew għand il-pulizija f'96 istanza, li rriżultaw kif jidher hawn taħt:

Status tal-każ fil Qorti	Numru ta' rapporti	Perċentaġġ ta' 96 każ	Status tal-każ
Proċeduri irtirati skond l- Art 543(e)	46	47.9%	Każ konkluż
Każijiet diferiti	16	16.7%	Pendenti/proċeduri għadhom għaddejjin
Misjuba ħatja	13	13.5%	Każ konkluż
Liberati	10	10.4%	Każ konkluż
Ma ttieħdux proċeduri	6	6.3%	Ma ttieħdux proċeduri
Każ li qed jistennew data għas-smigħ	3	3.1%	Pendenti
Każijiet oħra	2	2.1%	Oħrajn / taħt reviżjoni
Total	**96**		

Seduta Numru 33
09/11/2026

RAPPORTI TA' VJOLENZA DOMESTIKA – MANDATI TA' ARREST MHUX EŻEGWITI

4918. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4047 u jgħid kemm-il mandat ta' arrest relatat ma' vjolenza domestika baqa' mhux eżegwit, għal kemm żmien, u x'miżuri ttieħdu biex tiġi stabbilita r-responsabbiltà għal tali nuqqasijiet? Jista' wkoll jagħti din l-informazzjoni b'mod individwali għal kull mandat, billi jindika t-tul ta' żmien li ilu pendenti?

03/11/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninsab infurmat li fil-preżent f'dawn il-gżejjer hemm sebgħa (7) mandati ta' arrest relatati ma' każijiet ta' vjolenza domestika li għadhom mhux eżegwiti. Minn dawn, tnejn (2) jikkonċernaw persuni Maltin u ħamsa (5) jikkonċernaw persuni barranin. Fir-rigward ta' wieħed mill-Maltin,jinsab rikoverat fl-Isptar Mount Carmel (MCH). Il-persuni l-oħra kollha jinsabu barra minn Malta u nħarġu allerti fis-sistema SIS fir-rigward tagħhom.

Seduta Numru 33
09/11/2026

TCNS – IMPJEGATI

4919. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa n-numru ta' ċittadini minn pajjiżi terzi (TCNs) impjegati f'Malta u Għawdex, b'rendikont skont is-settur, partikolarment fis-saħħa, il-kura tal-anzjani, it-turiżmu, it-trasport, it-tindif u l-kostruzzjoni? Jista' wkoll jindika x'perċentwal tal-forza tax-xogħol f'kull wieħed minn dawn is-setturi huwa magħmul minn TCNs?

03/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Nirreferi lill-Onor. Interpellant ghat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2012 u 1711.

Seduta Numru 33
09/11/2026

TCNS – NEGOZJI MALTIN

4920. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO staqsiet lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa n-numru ta' negozji Maltin, partikolarment fost l-intrapriżi żgħar u medji, li jimpjegaw ċittadini minn pajjiżi terzi (TCNs)? Jista' jgħid ukoll jekk il-Gvern wettaqx analiżi dwar il-kontribut ta' dawn il-ħaddiema għall-produttività, it-tkabbir ekonomiku u s-sostenibbiltà tal-operat tan-negozji Maltin, u jqiegħed kopja tagħha fuq il-Mejda tal-Kamra?

03/11/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 33
09/11/2026

TCNS – TAXXA FUQ ID-DĦUL U KONTRIBUZZJONIJIET TAS-SIGURTÀ SOĊJALI MĦALLSA

4921. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO staqsiet lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tat-total ta' taxxa fuq id-dħul u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mħallsa minn ċittadini minn pajjiżi terzi (TCNs) impjegati f'Malta u Għawdex matul dawn l-aħħar tliet snin, maqsuma sena b'sena? Jista' wkoll jindika x'perċentwal dawn jirrappreżentaw mit-total tad-dħul miġbur minn dawn is-sorsi?

03/11/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 33
09/11/2026

TCNS – INFERMIERA U ĦADDIEMA FIL-KURA (CARERS)

4922. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm huwa n-numru ta' infermiera u ħaddiema fil-kura (carers) minn pajjiżi terzi (TCNs) impjegati fis-servizzi tas-saħħa pubbliċi f'Malta u Għawdex, b'rendikont skont il-faċilità? Jista' wkoll jindika x'perċentwal tal-persunal f'dawn il-karigi huwa magħmul minn TCNs u kemm kienu l-postijiet vakanti f'dawn il-karigi li mtlew minn TCNs matul l-aħħar sentejn?

03/11/2026

ONOR. IAN BORG: L-Informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 33
09/11/2026

ALLIED HEALTH PROFESSIONALS - ĦLASIJIET GĦAL SIGĦAT ŻEJDA

4930. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3199 u 3955 u jgħid meta ser jitħallsu l-Allied Health Professionals li qed jaħdmu sigħat żejda barra l-ħin tagħhom biex jinqatgħu l-listi ta' stennija? Jista' jgħid ukoll għaliex, minkejja li dan ix-xogħol beda fil-bidu tas-sena, sal-lum dawn il-professjonisti għadhom ma tħallsux?

03/11/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li xi pagamenti diġà saru fl-aħħar paga, u l-bqija tal-pagamenti pendenti qed jiġu segwiti.

Seduta Numru 33
09/11/2026

UNIFORMIJIET - TENDER

4931. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4054, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid sa kemm huwa validu t-tender preżenti għall-uniformijiet tal-Allied Health Professionals?

03/11/2026

ONOR. IAN BORG: Ninsab infurmat li l-kuntratt għall-uniformijiet bħalissa huwa magħluq. Infurmat ukoll li kien hemm sospensjoni temporanja minħabba kwistjonijiet ta' kwalità fil-materjal. Sa llum, il-fornitur issupplimenta u biddel l-uniformijiet kollha meħtieġa.

Seduta Numru 33
09/11/2026

L-ISPTAR MATER DEI – CUSTOMER CARE – ILMENTI

4932. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid għaliex persuna biex tagħmel ilment mal-customer care tal-Isptar Mater Dei bilfors trid tagħti d-dettalji tagħha u ma tistax tibqa' anonima?

03/11/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-Servizz għall-Kura tal-Klijenti (Customer Care) tal-Isptar Mater Dei jaċċetta lmenti anonimi meta dawn ikunu ta' natura ġenerali. Meta lment ikun jirrigwarda aspetti speċifiċi tal-kura u l-investigazzjoni tiegħu tkun teħtieġ aċċess għal data personali, is-servizz ikollu bżonn id-dettalji tal-persuna li tkun ressqet l-ilment sabiex ikun jista' jipproċessah. Jekk l-ilment jitressaq b'mod anonimu, is-servizz lanqas ma jkun jista' jagħti risposta lil dik il-persuna jew iżommha infurmata dwar xi azzjoni li tkun ittieħdet b'rabta mal-ilment tagħha.

Seduta Numru 33 33
09/11/2026

ĦAŻ-ŻEBBUĠ – QTUGĦ FIL-PROVVISTA TAL-ILMA

5013. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'kienet il-kawża tal-qtugħ fil-provvista tal-ilma f'Ħaż-Żebbuġ bejn it-30 ta' Ottubru u t-2 ta' Novembru 2026, u tagħti l-ħinijiet f'kull ġurnata li fihom il-provvista nqatgħet u reġgħet ġiet lura?

04/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li l-każ li qed issir referenza għalih seħħ minħabba inċident fejn kuntrattur liċenzjat li kien qed jagħmel xogħlijiet fit-toroq laqat mejn tal-ilma maġġuri li jissupplixxi l-akkwati u b'konsegwenza t'hekk ġew affettwati 1,980 meter. Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ħadet azzjoni minnufih biex il-ħsara ssewwiet mill-istess kuntrattur.
Il-ħinijiet f'kull ġurnata li fihom il-provvista tkun sospiża, jkunu pubblikati fuq is-sit tal-Korporazzjoni - https://live.wsc.com.mt/publicweb kif ukoll fuq il-mezzi tal-media socjali, apparti li tintbagħat notifika bil-ħinijiet u t-toroq affettwati lir-residenti u n-negozji kollha abbonati mas-servizz tal-SMS u real time alerts https://live.wsc.com.mt/PublicWeb/home/alerts. Nappella lil kull min għadu mhux qed jagħmel użu minn dan is-servizz tant utli, biex jirreġistra għalih ħalli jibda jirċievi aġġornamenti f'każijiet ta' ħsarat, emerġenzi u anke manutenzjoni pjanata fit-triq tiegħu.
Il-perjodu mingħajr provvista ta' ilma kien inqas minn 48 siegħa (f'daqqa) u f'dan il-każ il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma mxiet mal-Guaranteed Standards Service Scheme- https://www.servizz.gov.mt/en/Services/web-02102
Ninsab ukoll infurmata li n-notifikazzjonijiet permezz ta' messaġġi għal dawk abbonati dwar il-qtugħ tal-ilma ntbagħtu kollha. Kien hemm biss xi ħsara teknika fuq il-live map fit-30 t'Ottubru li mbagħad issolviet.

Seduta Numru 33
09/11/2026

ĦAŻ-ŻEBBUĠ – QTUGĦ FIL-PROVVISTA TAL-ILMA – ĦSARA KKAWŻATA MINN TERZA PERSUNA

5014. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għall-informazzjoni mogħtija mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) li l-qtugħ fil-provvista tal-ilma f'Ħaż-Żebbuġ bejn it-30 ta' Ottubru u t-2 ta' Novembru 2026 kien ikkawżat minn ħsara minn terza persuna, tista' l-Ministru tgħid min kienet din it-terza persuna, x'xogħlijiet kienet qed tagħmel, u jekk dawn ix-xogħlijiet kinux awtorizzati?

04/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5013.

Seduta Numru 33 33
09/11/2026

ĦAŻ-ŻEBBUĠ – QTUGĦ FIL-PROVVISTA TAL-ILMA – DJAR U NEGOZJI MILQUTA

5015. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm djar u negozji f'Ħaż-Żebbuġ intlaqtu mill-qtugħ fil-provvista tal-ilma f'Ħaż-Żebbuġ bejn it-30 ta' Ottubru u t-2 ta' Novembru 2026, u jekk ġietx offruta provvista alternattiva ta' ilma lir-residenti?

04/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5013.

Seduta Numru 33 33
09/11/2026

ĦAŻ-ŻEBBUĠ – QTUGĦ FIL-PROVVISTA TAL-ILMA – GUARANTEED SERVICE STANDARDS SCHEME

5016. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk, fil-każ tal-qtugħ fil-provvista tal-ilma f'Ħaż-Żebbuġ bejn it-30 ta' Ottubru u t-2 ta' Novembru 2026, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) żammitx mal-impenji tagħha taħt il-Guaranteed Service Standards Scheme? Tista' tgħid ukoll taħt liema kategorija ġie kklassifikat dan il-qtugħ, u jekk ir-residenti affettwati humiex eliġibbli għal kreditu fuq il-kont tagħhom taħt din l-iskema?

04/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5013.

Seduta Numru 33
09/11/2026

GUARANTEED SERVICE STANDARDS SCHEME – TERMINI U KUNDIZZJONIJIET

5017. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra t-termini u l-kundizzjonijiet sħaħ tal-Guaranteed Service Standards Scheme u tgħid kif jiġi kkalkulat il-kreditu li jingħata lill-klijenti u jekk l-iskema tkoprix l-ispejjeż tal-ilma tal-flixkun li l-klijenti jkollhom jixtru waqt qtugħ?

04/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5013.

Seduta Numru 33
09/11/2026

GUARANTEED SERVICE STANDARDS SCHEME – APPLIKAZZJONIJIET

5018. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm saru applikazzjonijiet taħt il-Guaranteed Service Standards Scheme matul dawn l-aħħar tliet snin, maqsuma sena b'sena? Tista' tgħid ukoll kemm minnhom ġew aċċettati, u kemm ingħata kreditu b'kollox, maqsuma lokalità b'lokalità?

04/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ma rċeviet l-ebda applikazzjoni.

Seduta Numru 33 33
09/11/2026

KONSUM TA' KANNABIS FIL-PUBBLIKU – ĊITAZZJONIJIET/AZZJONIJIET TA' INFURZAR

5035. L-ONOR. MARIAH MELI staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm inħarġu ċitazzjonijiet jew ittieħdu azzjonijiet ta' infurzar b'rabta ma' ksur ta' liġi fejn jidħol konsum ta' kannabis fil-pubbliku matul is-snin 2024, 2025 u 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx pjanijiet biex jissaħħaħ l-infurzar f'dan ir-rigward?

04/11/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninforma lil-Onor.Interpellant illi qed nippreżenta tabella bl-informazzjoni mitluba. Kif ħabbart riċentement, it-tipjip tal-Kannabis se jkun inkluż fil-lista tal-'On the Spot Fines'.

Sena	2024	2025	2026 *
Ammont	12	66	65

*Sal-4 ta' Novembru.

Seduta Numru 33
09/11/2026

LSES

5036. L-ONOR. MARIAH MELI staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu impjegati LSEs kull sena, mis-sena 2008 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

04/11/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li bejn Settembru 2025 u Settembru 2026, ġew appuntati 425 SLSe u LSE.

Seduta Numru 33
09/11/2026

LSES – STUDENTI STATEMENTED

5037. L-ONOR. MARIAH MELI staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm studenti statemented għall-bżonn ta' LSE Shared, Shared in the same class u One to One għal kull sena, mis-sena 2008 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

04/11/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Medja tal-Kamra.

Seduta Numru 33
09/11/2026

AKKUŻI KRIMINALI – ŻGĦAŻAGĦ BEJN L-14 U T-18-IL SENA

5066. L-ONOR. FRANCO MERCIECA staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm żgħażagħ bejn l-14 u t-18-il sena li ngħataw iktar minn sentenza waħda fuq akkużi kriminali matul il-perjodu ta' bejn is-sena 2023 u s-sena 2025?

05/11/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninsab infurmat li l-informazzjoni ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 33
09/11/2026

AKKUŻI KRIMINALI – ŻGĦAŻAGĦ BEJN L-14 U T-18-IL SENA

5067. L-ONOR. FRANCO MERCIECA staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm miż-żgħażagħ ta' bejn l-14 u t-18-il sena li ngħataw iktar minn sentenza waħda fuq akkużi kriminali matul il-perjodu ta' bejn is-sena 2023 u s-sena 2025, kienu subien u kemm kienu bniet?

05/11/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninsab infurmat li l-informazzjoni ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 33
09/11/2026

AKKUŻI KRIMINALI – ŻGĦAŻAGĦ BEJN L-14 U T-18-IL SENA

5068. L-ONOR. FRANCO MERCIECA staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid liema kienu l-iktar akkużi li nstabu ħatja fuqhom iż-żgħażagħ ta' bejn l-14 u t-18-il sena u li ngħataw iktar minn sentenza waħda fuq akkużi kriminali matul il-perjodu ta' bejn is-sena 2023 u s-sena 2025?

05/11/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninsab infurmat li l-informazzjoni ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 33
09/11/2026

AKKUŻI KRIMINALI – ŻGĦAŻAGĦ BEJN L-14 U T-18-IL SENA – PIENA KARĊERARJA, ORDNI TA' PROBATION U SENTENZA SOSPIŻA

5069. L-ONOR. FRANCO MERCIECA staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm miż-żgħażagħ ta' bejn l-14 u t-18-il sena li ngħataw iktar minn sentenza waħda fuq akkużi kriminali matul il-perjodu ta' bejn is-sena 2023 u s-sena 2025, ingħataw piena karċerarja, ordni ta' probation u sentenza sospiża?

05/11/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninsab infurmat li l-informazzjoni ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 33
09/11/2026

AKKUŻI KRIMINALI – ŻGĦAŻAGĦ BEJN L-14 U T-18-IL SENA – LOKALITÀ

5070. L-ONOR. FRANCO MERCIECA staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid mil-liema lokalità huma ż-żgħażagħ ta' bejn l-14 u t-18-il sena li ngħataw iktar minn sentenza waħda fuq akkużi kriminali matul il-perjodu ta' bejn is-sena 2023 u s-sena 2025?

05/11/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninsab infurmat li l-informazzjoni ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 33
09/11/2026

STUDENTI LI JIBBENEFIKAW MIT-TRASPORT BLA ĦLAS GĦALL-ISKEJJEL

5084. L-ONOR. MARIAH MELI staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa n-numru ta' studenti li qed jibbenefikaw mit-trasport bla ħlas għall-iskejjel? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn l-istudenti jattendu fi skejjel tal-Istat, skejjel tal-Knisja jew skejjel indipendenti?

05/11/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninforma lill-Onor Interpellant li ninsab infurmat illi n-numru ta' studenti li jibbenifikaw mit-trasport bla ħlas għall-iskejjel huwa ta' 37,133 student.

Seduta Numru 33
09/11/2026

TRASPORT BLA ĦLAS GĦALL-ISTUDENTI - L-ITWAL ROTOT

5085. L-ONOR. MARIAH MELI staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid liema huma fost l-aktar rotot twal, f'termini ta' kilometri, li qed jiġu provduti lill-istudenti permezz tat-trasport bla ħlas?

05/11/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant, li ninsab infurmat li l-framework agreement marbut mas-sejħa pubblika għal dan is-servizz ikopri diversi tipi ta' rotot, fosthom dawk magħrufa bħala Extra Long li jkopru bejn 10.5 kilometri sa 37.5 kilometru.
Hemm diversi raġunijiet għaliex jintużaw dawn ir-rotot, fosthom l-għażla tal-iskola mill-ġenituri li ġieli tkun waħda 'l bogħod mir-residenza, kif ukoll ċirkostanzi bħal li l-iskola li jattendi l-istudent tilqa' studenti minn diversi lokalitajiet mxerrda madwar Malta u saħansitra Għawdex u m'għandhiex limitu ġeografiku. Dawn tal-aħħar ħafna drabi jkunu skejjel speċjalizzati.
Biex nagħti xi eżempji, mill-iskejjel tal-istat, ir-rotta lejn l-iskola St Francis f'Bormla tiġbor studenti mill-Mellieħa. Ir-rotta lejn l-Alternative Learning Programme li tinsab f'Raħal Ġdid tiġbor studenti mill-Imġarr, il-Manikata u l-Baħrija fost oħrajn. Ir-rotta tas-St Francis fl-Imsida tiġbor studenti mill-Mellieħa u l-Mosta filwaqt li rotta oħra għall-istess skola, tmur kemm il-Magħtab kif ukoll in-Naxxar.

Seduta Numru 33
09/11/2026

MARSASKALA - TRIQ IL-QALIET - XOGĦLIJIET

5147. L-ONOR. JOHN BAPTIST CAMILLERI staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4113 dwar ix-xogħlijiet li qed isiru fi Triq il-Qaliet, f'Marsaskala, jista' l-Ministru jgħid jekk iż-żona indikata fir-ritratti pprovduti separatament hijiex art pubblika jew art privata? Jista' jgħid ukoll jekk kienx hemm permess għall-ħajt li nbena viċin l-irdum u li qed jirrestrinġi l-aċċess għall-pubbliku? Jekk le, x'miżuri ittieħdu jew ser jittieħdu?

05/11/2026

ONOR. OWEN BONNICI: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 33
09/11/2026

MARSASKALA – TRIQ IS-SALINI – BUS STOPS

5148. L-ONOR. JOHN BAPTIST CAMILLERI staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jikkonferma li l-bus stop temporanju li ġie installat riċentement fi Triq is-Salini, f'Marsaskala, qed ikun ta' periklu peress li jinsab bi dritt is-slipway u faċċata tal-ħruġ ta' Triq il-Kappara? Jistgħu jittieħdu passi biex dan il-bus stop ma jibqax fejn hu, anke fid-dawl li diġà jeżisti bus stop ieħor fl-istess triq u d-distanza bejniethom hija ferm inqas minn dik stipulata fir-regolamenti li jirrigwardaw dawn il-qisien?

05/11/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant li Transport Malta qed twettaq spezzjonijiet f'dan is-sit u jekk ikon hemm bżonn jittieħdu l-passi meħtieġa.

Seduta Numru 33
09/11/2026

MARSASKALA – TRIQ IX-XATT, PJAZZA DUN TARCIS AGIUS U TRIQ IS-SALINI – BUS SHELTERS/BUS STOPS

5149. L-ONOR. JOHN BAPTIST CAMILLERI staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4111 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol u jgħid meta se jerġgħu jitpoġġew il-bus shelters u l-bankijiet fuq il-bus stops li nqalgħu madwar erba' xhur ilu minħabba x-xogħlijiet ta' riġenerazzjoni, fi Triq ix-Xatt, Pjazza Dun Tarcis Agius u Triq is-Salini, f'Marsaskala?

05/11/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-Mistoqsija Parlamentari lill-Ministeru konċernat.

Seduta Numru 33
09/11/2026

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET BIL-MIKTUB

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – FIRST AIDERS IĊĊERTIFIKATI

W148. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm first aiders iċċertifikati fil-ministeru tiegħu bħalissa?

22/06/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninsab infurmat illi fil-preżent hemm first aider wieħed ċċertifikat fil-Ministeru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l Innovazzjoni u d-dipartimenti li jaqgħu taħtu.

Seduta Numru 33
09/11/2026

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – FIRST AIDERS IĊĊERTIFIKATI

W149. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm first aiders iċċertifikati f'kull entità li taqa' taħt il-ministeru tiegħu bħalissa?

22/06/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninsab infurmat illi sa l-aħħar ta' Settembru 2026 kien hemm **(133)** first aiders ċċertifikati fl-entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabiltà tal Ministeru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni.

Seduta Numru 33
09/11/2026

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – DEFIBRILLATORS

W150. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm defibrillators fil-binja tal-ministeru tiegħu?

22/06/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi hemm 4 defibrillators fil-Ministeru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni.

Seduta Numru 33
09/11/2026

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – DEFIBRILLATORS

W151. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm defibrillators fil-binja ta' kull entità li taqa' taħt il-ministeru tiegħu?

22/06/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi hemm **21** defibrillator fil-binjiet tal-entitajiet li jaqgħu taħt il Ministeru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni.

Seduta Numru 33
09/11/2026

SKEMA NEW HOPE

W798. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid fiex tikkonsisti l-iskema New Hope fir-rigward ta' persuni b'diżabilità? Tista' tgħid ukoll kemm ibbenefikaw persuni b'diżabilità minn din l-iskema, minn meta daħlet fis-seħħ sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

30/10/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 33
09/11/2026

SKEMA SENS-ABILITY

W802. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid fiex tikkonsisti l-iskema Sens-ability? Tista' tgħid ukoll kemm ibbenefikaw persuni minn din l-iskema, minn meta daħlet fis-seħħ sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

30/10/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tagħmel il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 33
09/11/2026

COMMUNITY HUBS

W805. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid fejn jinsabu l-community hubs? Tista' tgħid ukoll meta nfetħu u x'servizzi qegħdin jingħataw, f'kull wieħed minn dawn il-community hubs?

30/10/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li, jekk qed tirreferi għall-Virtù Community Hub, l-Aġenzija għandha hub wieħed li nfetaħ fl-2024. Dan il-hub jintuża għal diversi servizzi offruti mill-Aġenzija, fosthom Sharing Lives, My Programme u Way to Work. F'Għawdex, l-Għajnsielem Learning Gozo Hub jintuża wkoll għal diversi skopijiet inkluż Community Hub.

Seduta Numru 33
09/11/2026

BAĠIT 2027 – ĦLAS GĦAL TERAPIJI TA' DIŻABILITAJIET

W783. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid liema terapiji ser ikun qed isir il-ħlas kollu għalihom kif imħabbar fil-Baġit 2027? Tista' tgħid ukoll liema diżabilitajiet (fiżiċi, eċċ.) ser ikunu eliġibbli għal din il-miżura?

30/10/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija inkluża fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari PQ W839.

Seduta Numru 33
09/11/2026

